



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0299/2013

24.9.2013

RAPPORT

dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2012
(2013/2013(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Edward McMillan-Scott

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	14
ANNES TAL-ISTATISTIKA	28
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	36

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2012 (2013/2013(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU)
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 24, 227, 228, 258 u 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 48 u 202(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0299/2013),
- A. billi, soġġett għal Protokoll 30 tat-Trattat, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea saret legalment vinkolanti mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona¹; billi skont l-Artikolu 51 il-Karta tapplika biss għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni; billi l-istess Trattat jistabbilixxi wkoll il-bażi legali għall-UE biex taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tintroduċi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropea;
- B. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu d-dmir li jagħmel reviżjoni kostanti u, fejn hu possibbli, itejjeb ir-rwol tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' prinċipji demokratiċi, bħal ma hija l-parteeċipazzjoni miżjuda taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u ż-żieda fit-trasparenza u responsabilità; billi fl-attività regolari tiegħu, il-Kumitat jaħdem mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-Ombudsman Ewropew u korpi oħra sabiex jiżgura li l-liġi tal-UE tkun għal kollox rispettata kemm fil-prattika kif ukoll fl-ispirtu;
- C. billi fl-2012 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet irreġistra 1986 petizzjoni, li l-maġġorparti tagħhom jirreferu għat-temi tad-drittijiet fundamentali, l-ambjent, is-suq intern u l-kriżi ekonomika u soċjali; billi 1406 petizzjonijiet ġew iddikjarati ammissibbli, u minn dawk 853 tressqu quddiem il-Kummissjoni għal aktar investigazzjoni skont l-Artikoli 258 u 260 tat-Trattat, u 580 petizzjoni ġew dikjarati inammissibbli; billi s-suġġetti ta' mill-inqas 5 petizzjonijiet imressqa fl-2012 tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikoli 258 u 260 tat-Trattat; billi s-Sentenza tal-14 ta' Settembru 2011 fil-Kawża T-308/07 iċċarat li anke d-deċiżjonijiet proċedurali tal-Parlament fi kwistjonijiet tal-petizzjonijiet huma soġġetti għal reviżjoni legali; billi, fir-rigward tal-analiżi statistika li tinsab f'dan ir-rapport, l-oġġetti ta' petizzjonijiet jirreferi għall-każijiet fl-UE kollha (27.3 %), segwit mill-każijiet Spanjoli (15.0 %), Ġermaniżi (12.5 %) u Taljani (8.6 %);
- D. billi, fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, il-Kumitat ta' ħafna attenzjoni fl-2012 lid-drittijiet tal-persuni b'diżabilitajiet, drittijiet tat-tfal, drittijiet tal-konsumaturi, drittijiet ta'

proprjetà, drittijiet ta' moviment liberu mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe kriterju, il-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza, u d-dritt għall-aċċess għad-dokumenti u t-tagħrif, id-drittijiet relatati mal-libertà ta' assoċjazzjoni politika u industrijali; billi s-sitwazzjoni tal-kriżi ekonomika qanqliet għadd ta' petizzjonijiet dwar problemi soċjali, bħall-akkomodazzjoni, l-impjeg u prattiki ħżiena fis-settur bankarju fir-rigward ta' min ifaddal;

- E. billi l-petizzjonijiet sottomessi miċ-ċittadini jagħtu evidenza li hemm diskriminazzjoni persistenti kontra ċittadini bħala riżultat tad-diżabilità, l-appartenenza għal grupp ta' minoranza jew etniku, il-ġeneru, l-età jew l-orjentament sesswali;
- F. billi l-inizjattivi tal-UE għat-taqbida kontra d-diskriminazzjoni, bħalma kien l-Qafas tal-UE dwar l-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma, iridu jiġu adottati minnufih fl-istrateġiji nazzjonali u jiġu rieżaminati u monitorjati kontinwament fid-dawl tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u soċjali li qed jevolvu;
- G. billi, b'rabta mal-ħarsien tal-ambjent, it-theddid tat-tniġġis u tal-prattiki ambjentali ħżiena qatt ma jistgħu jissemmew biżżejjed, minħabba fir-riskji dejjiema għall-bijodiversità u l-ekosistemi, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa pubblika, li kollha kemm huma jibqgħu jippersistu fit-tul u huma ta' sikwit ta' periklu għall-ħajja; billi fir-rigward tal-bijodiversità xi Stati Membri għadhom ma stabbilewx it-totalità taż-żoni ta' protezzjoni minimi ta' Natura 2000 u lanqas implimentaw bis-sħiħ il-protezzjoni effettiva tagħhom; billi jitqiesu l-miri tal-ġlieda kontra t-tniġġis u t-tibdil fil-klima; billi fl-2012 il-Kumitat ta' ħafna attenzjoni għall-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-ilma, kif ukoll għall-valutazzjoni tal-impatt tal-proġetti u l-attivitajiet fuq l-ambjent u fuq is-saħħa pubblika;
- H. billi titqies il-ħtieġa li jiġu ppreservati r-riżorsi naturali sabiex jiġu evitati r-riskji dwar il-futur tal-pjaneta; billi titqies il-ħtieġa li jiġu ppreservati r-riżorsi naturali sabiex jiġu evitati r-riskji dwar il-futur tal-pjaneta;
- I. billi fil-kwistjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart, iż-żjara fl-Italja għas-sejbien tal-fatti enfasizzat il-ħtieġa urġenti għall-awtoritajiet Taljani kollha involuti biex isibu soluzzjoni sostenibbli għall-ħtiġijiet tal-ġestjoni tal-iskart fil-provinċja ta' Ruma biex jiġi żgurat ir-rispett għas-saħħa u d-dinjità taċ-ċittadini; billi, minkejja t-tmim tas-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-belt ta' Napli, għad baqa' ħafna sfidi għal approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-iskart fir-reġjun ta' Campania mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE (Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-iskart) u s-sentenza tal-QĠUE ta' Marzu 2010;
- J. billi, minkejja li l-Kummissjoni ma tistax tivverifika l-konformità mal-liġi Ewropea qabel ma tittieħed deċiżjoni finali mill-awtoritajiet nazzjonali, huwa importanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet ambjentali, li minn stadju bikri jiġi vverifikat li l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali japplikaw b'mod korrett ir-rekwiżiti proċedurali rilevanti kollha skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, u anke li japplikaw il-prinċipju tal-prekawzjoni;
- K. billi l-ħidma tal-kumitat wasslet biex l-ilma jiġi ddikjarat bħala beni pubbliku mill-Parlament; billi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Id-Dritt għall-Ilma" kienet l-ewwel waħda li laħqet il-miljun firma ta' ċittadini Ewropej;

- L. billi għandhom jiġu evitati telfiet ulterjuri irreparabbli fil-bijodiversità, partikolarment f'siti maħtura bħala siti ta' Natura 2000; billi l-Istati Membri ħadu l-impenn li jiżguraw il-protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni skont id-Direttiva 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-Habitats) u d-Direttiva 79/409/KEE (id-Direttiva dwar l-Għasafar);
- M. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar industrija tal-azzar ġdida sostenibbli u kompetittiva, abbażi ta' petizzjoni rċevuta¹, il-Parlament appoġġa l-prinċipju ta' "min iniġġes, iħallas";
- N. billi minkejja l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, tal-aħħar donnha riluttanti li tagħti tagħrif mill-ewwel dwar in-natura tad-deliberi tagħha, kif ukoll dwar id-deċiżjonijiet meħuda, fi proċedimenti ta' ksar relatati mal-petizzjonijiet u marbutin mal-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali; billi dan hu għajn ewlieni ta' preokkupazzjoni minħabba fil-ħsara u l-qirda irreversibbli li jistgħu jkunu inflitti fuq l-ekosistemi tagħna u saħħitna; billi l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jipprovdu aktar informazzjoni u jkunu aktar trasparenti fir-relazzjonijiet tagħhom maċ-ċittadini Ewropej;
- O. billi l-2013 inħatret bħala s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, u huma sewwasew iċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, individwalment jew f'tiżib ma' oħrajn, li huma f'qagħda tajba biex jivvalutaw l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni Ewropea kif inhi applikata, u biex jidentifikaw lakuni possibbli li jistgħu jimpedixxu l-implementazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni u l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet; billi jitqies il-kontenut tal-“Aġenda tal-Konsumatur Ewropew sabiex jissaħħu l-fiduċja u t-tkabbir”; billi rekwiżit bażiku għal dan huwa l-provvista prattikabbli liċ-ċittadini tal-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni Ewropea;
- P. billi, għal dik ir-raġuni, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta' ħafna ħin u għamel sforz kbir fl-2012 għad-diskussjoni ta' tifsir iċ-ċittadinanza Ewropea, li hi tassew marbuta mill-qrib mal-libertà tal-moviment u tar-residenza totali fl-UE, kif definit fil-Parti III TFUE, iżda wkoll tikkonċerna ammont ta' drittijiet oħra u hija ta' benefiċċju għal kull ċittadin li ma jitleqax mill-pajjiż nattiv tiegħu; billi l-petizzjonijiet jagħtu xhieda li iċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni għadhom iħabbtu wiċċhom ma' xkiel mifrux u tanġibbli għall-eżerċizzju partikolarment ta' drittijietom bejn il-fruntieri, sitwazzjoni din li għandha impatt dirett u ta' kuljum fuq ħajjet eluf ta' familji u l-benessri tagħhom;
- Q. billi l-proċess tal-petizzjonijiet jista' jikkumplimenta strumenti oħra Ewropej li huma disponibbli għaċ-ċittadini, bħall-possibilità li jippreżentaw l-ilmenti lill-Ombudsman Ewropew jew lill-Kummissjoni; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jaħdem id f'id mal-Ombudsman Ewropew, kumitati parlamentari oħra tal-Parlament, korpi u aġenti u networks Ewropej, kif ukoll mal-Istati Membri;
- R. billi l-proċess tal-petizzjonijiet jista', u għandu, jibqa' komplementari għal mekkaniżmi oħra ta' rimedju disponibbli għaċ-ċittadini, bħalma hi l-preżentazzjoni tal-ilmenti mal-Kummissjoni jew l-Ombudsman Ewropew; filwaqt li SOLVIT, b'mod partikolari, hu għodda importanti li jista' jintuża miċ-ċittadini tal-UE ħalli jinstabu soluzzjonijiet malajr għall-problemi kkawżati mill-applikazzjoni ħażina tad-dritt tas-suq intern min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi; billi għandhom isiru avvanzi f'azzjonijiet kollettivi ta' riżoluzzjoni ta' ilmenti mill-konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom; billi l-portal web singolu

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0510.

'Ħaddem drittijietek' fih tagħrif siewi għaċ-ċittadini li jixtiequ jdaħħlu ilment dwar l-applikazzjoni tajba tad-dritt tal-UE;

- S. billi l-qasam ta' azzjoni, u l-modus operandi, tad-dritt għal petizzjoni mogħti liċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE, skont it-termini tat-Trattat, ivarjaw minn rimedji oħra disponibbli għaċ-ċittadini, bħal pereżempju t-tressiq ta' lmenti lill-Kummissjoni jew lill-Ombudsman;
- T. billi jeħtieġ li tikber il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea bl-għan li tissaħħaħ il-leġittimità u r-responsabbiltà tagħha;
- U. billi strument ġdid għal demokrazija parteċipattiva, l-'Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej', daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' April 2012 u ġie iskritt total ta' sittax-il (16) inizjattiva matul il-kors tas-sena; billi tqajjem tħassib rilevanti minn inizjaturi differenti tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-ostakli tekniċi li ltaqgħu magħhom għall-ġbir attwali tal-firem; billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet se jkollu rwol primordjali fl-organizzazzjoni tas-smigħ pubbliku għall-inizjattivi li jirnexxu;
- V. billi għadu evidenti li hemm kemm nuqqas ta' tagħrif kjarment strutturat u ampjament pubbliċizzat, kif ukoll nuqqas ta' kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-UE dwar drittijietom; billi dawn jikkostitwixxu xkiel deċiżiv għall-eżerċizzjoni taċ-ċittadini attiva tal-UE; billi, b'rabta ma' dan, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw b'mod iktar komprensiv mal-obbligu tagħhom li jipprovdu informazzjoni u jrawmu s-sensibilizzazzjoni;
- W. billi iċ-ċittadini u r-residenti Ewropej huma leġittimament intitolati li jistennew li l-kwestjonijiet li jqajmu mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistgħu jsibu soluzzjoni mingħajr dewmien żejjed fi ħdan il-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, li huma jistennew minnu li jirrispetta d-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni, u b'mod partikolari li l-Membri tal-kumitat jiddefendu l-ambjent naturali, is-saħħa, il-moviment ħieles, id-dinjità u l-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-petizzjonant; billi l-effiċjenza tal-ħidma tal-kumitat hija, fil-parti l-kbira tagħha, ir-riżultat tar-ritmu tal-operazzjonijiet u r-reqqa tas-Segretarjat, u dan jista' jkompli jitjieb b'mod partikolari billi jiġi ottimizzat it-tul ta' żmien tal-proċess tal-petizzjonijiet, kif ukoll permezz ta' sistematizzazzjoni tal-proċeduri għall-valutazzjoni tagħhom; billi, minħabba n-numru dejjem jikber ta' petizzjonijiet riċevuti kull sena, għandhom jiġu ddedikati aktar riżorsi u ħin għal-laqgħat tal-kumitat għal dan l-iskop; billi għandha tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' kontinwità fl-iproċessar tal-petizzjonijiet waqt il-perjodi differenti tal-leġiżlaturi u l-konsegwentement bidla tal-persunal wkoll; billi jitqiesu l-petizzjonijiet numerużi li tqajmu fir-rigward tal-vittmi tal-Frankiżmu u tat-tfal misruqa fi Spanja;
- X. billi ċerti petizzjonijiet għadhom pendenti bejn il-Kummissjoni, il-Parlament, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-awtoritajiet nazzjonali mingħajr ma nstabet soluzzjoni, u b'mod li ħallew lill-petizzjonanti f'qagħdiet inċerti mingħajr ħjiel ta' konklużjoni;
- Y. billi kien hemm żieda konsiderevoli fl-għadd ta' petizzjonijiet b'rabta mal-ksur tal-prinċipji tad-drittijiet demokratiċi fundamentali u l-istat tad-dritt protetti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri, u dan juri li iċ-ċittadini Ewropej qed ikollhom aktar fiduċja fl-istituzzjonijiet Komunitarji sabiex jitħarsu d-drittijiet fundamentali tagħhom;

Z. billi individwi u komunitajiet lokali, kif ukoll għaqdiet volontarji u negozji, qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jivvalutaw l-effettività tal-leġislazzjoni Ewropea ta' kif tapplika għalihom, u biex jissenjalaw lakuni possibbli li jeħtieġu li jiġu analizzati sabiex tkun żgurata implimentazzjoni aħjar, iktar uniformi u kumparabbli tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri kollha;

* * *

1. Jieħu nota li l-petizzjonijiet riċevuti fl-2012 miċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni Ewropea jiffokaw fuq l-allegat ksur tad-Dritt tal-UE fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali, l-ambjent, is-suq intern u d-drittijiet ta' proprjetà; iqis li l-petizzjonijiet jagħtu xhieda li għad hemm ħafna każijiet spissi u mifruxin ta' traspożizzjoni inkompleta tad-dritt tal-UE jew ta' applikazzjoni ħażina tiegħu;
2. Jinnota li d-drittijiet fundamentali għadhom suġġett kjavi tal-petizzjonijiet sottomessi, l-aktar billi jqanqlu kwistjonijiet marbutin mad-drittijiet tal-persuni b' diżabilitajiet, drittijiet it-tfal, drittijiet ta' proprjetà, id-dritt tal-libertà tal-moviment, inkluża l-portabbiltà ta' benefiċċji soċjali mingħajr ebda forma ta' diskriminazzjoni fuq l-ebda bażi, il-ħarsien tal-libertà tal-espressjoni u l-privatezza, il-libertà tal-assoċjazzjoni, u d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti u għat-tagħrif; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw b'mod korrett u jirrispettaw dawk id-drittijiet kif iddelineati fit-Trattati u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri neċessarji ħalli tobbliga lill-Istati Membri non-ottemperanti ħalli ma jħallux aktar l-avarija bejn il-liġijiet nazzjonali u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE;
3. Jemmen li gwida interattiva, aċċessibbli fuq is-sit tal-internet tal-Parlament Ewropew, bi qbil ma' dik fuq is-sit tal-internet tal-Ombudsman Ewropew, tista' tnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet imressqa dwar suġġetti li ma jaqgħux fl-ambitu tal-attività tal-UE;
4. Jikkonferma lir-rwol ewlieni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jidentifika rimedji mhux ġudizzjarji għaċ-ċittadini, li permezz tagħhom joħroġ fid-deher il-mod kif in-nies tal-Ewropa jaraw l-Unjoni Ewropea, u wara jippermetti konklużjonijiet rigward jekk fil-fatt il-leġislazzjoni Ewropea tagħtix ir-riżultat mistenni u tirrispondix għal dak li jistennew in-nies mill-Unjoni;
5. Jitlob lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jeżamina l-effetti tal-ġurisprudenza ERT tal-QĠUE fuq l-affidabbiltà tal-petizzjonijiet, li anke f'każijiet purament ta' liġi nazzjonali, tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni livell oġġla ta' protezzjoni f'każ li sentenza tal-qorti nazzjonali jkollha effetti fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-UE; Jitlob li ssir investigazzjoni dwar l-ostakli li jeżistu attwalment għaċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex dawn jiksbu interpretazzjoni affidabbli tal-leġislazzjoni Ewropea f'każijiet li jinsabu quddiem qrati nazzjonali permezz tal-applikazzjoni għal sentenza preliminari mill-Qorti;
6. Jitlob li, sabiex tittejjeb il-ħidma tal-kumitat, issir proċedura skont il-missjonijiet għal ġbir ta' informazzjoni li, fuq naħa waħda, tiżgura d-dritt li kull membru tal-missjoni għal ġbir ta' informazzjoni jista' jippreżenta l-fatti skont il-fehma tiegħu, u fuq in-naħa l-oħra tiżgura li kull membru tal-kumitat ikollu l-oportunità li jipparteċipa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fid-dawl tal-konklużjonijiet li jittieħdu mill-kumitat għall-Petizzjonijiet;
7. Huwa deċiż li l-proċedura tal-petizzjonijiet għandha tiġi organizzata b'mod iktar

effiċjenti, trasparenti, imparzjali u b'mod li jiġu rrispettati d-drittijiet parteċipatorji tal-membri tal-PETI b'tali mod, li t-trattament tal-petizzjonijiet ikun jista' jiflaħ għar-reviżjonijiet ġudizzjarji anke fil-passi proċedurali;

8. Jiġbed l-attenzjoni għad-diskriminazzjoni persistenti kontra ċittadini abbażi tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-appartenenza għal grupp ta' minoranza, l-età jew l-orjentament sesswali tagħhom; iwissi, b'mod partikolari, li l-popolazzjoni Roma fil-pajjiżi tal-UE għadha tħabbat wiċċha max-xkiel għall-inklużjoni; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni intergovernattivi f'dan il-qasam, ħalli tagħti finanzjament adegwat għall-implementazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-inklużjoni tar-Roma, u għall-monitoraġġ attiv ta' jekk dawn l-istrateġiji jkunux qed jiġu implementati b'mod effettiv fl-Istati Membri;
9. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ bi proposta għal leġiżlazzjoni ħalli fl-aħħar jissolvew il-problemi marbutin mar-rikonossiment reċiproku min-naħa tal-Istati Membri tad-dokumenti tal-istat ċivili u l-effetti tagħhom u konsegwentement fl-istess waqt tirispetta, fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, it-tradizzjoni politika komunitarja tal-Istati Membri individwali;
10. Itenni t-talbiet preċedenti li għamel lill-Istati Membri sabiex jiżguraw il-moviment liberu għaċ-ċittadini kollha tal-UE u tal-familji tagħhom, mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentament sesswali jew tan-nazzjonalità tagħhom; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jimplementaw b'mod sħiħ id-drittijiet mogħtija skont l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38/KE, mhux biss lill-konjuġi ta' sess differenti, imma wkoll lil sieħeb/sieħba reġistrati, membru li jgħix fl-istess dar jew sieħeb/sieħba li magħha/miegħu ċittadin tal-UE għandu/ħa relazzjoni stabbli u attestata b'mod xieraq, inklużi koppji tal-istess sess, fuq bażi tal-prinċipji tar-rikonossiment reċiproku, l-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni, id-dinjità, ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiżgura li d-Direttiva tiġi applikata strettament u eventwalment riveduta għal dan l-iskop, jekk ikun hemm bżonn, u biex tibda proċeduri ta' ksur tat-Trattat kontra l-Istati Membri li ma japplikawh, jekk dan ikun meħtieġ;
11. Josserva li l-ambjent għadu tema ewlenija oħra tal-petizzjonijiet, u jagħti xhieda li l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri ripetutamente ma żgurawx la l-preżervazzjoni tal-bijodiversità, ir-riżorsi naturali u l-ekosistemi, u lanqas li l-ogħla standards tas-saħħa pubblika jkunu ggarantiti; jirimarka, b'mod partikolari, l-għadd kbir ta' petizzjonijiet imressqin dwar il-ġestjoni tal-iskart, dwar l-ilma, il-perikli potenzjali tal-enerġija nukleari u l-inġinerija ġenetika, dwar l-ispeċijiet protetti u dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-proġetti u tal-attivitajiet fuq l-ambjent u fuq is-saħħa pubblika, bħall-estrazzjoni tal-gass tax-shale permezz tat-tkissir idrawliku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-qafas leġislativ dwar l-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u, b'mod speċifiku, l-implementazzjoni korretta tiegħu; jiddispjaċih li xi Stati Membri, minkejja l-isforzi tagħhom, ma rnexxielhomx isibu soluzzjonijiet sostenibbli għall-problemi marbutin mal-ġestjoni tal-iskart;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tiegħu l-miżuri xierqa sabiex l-Istati Membri jintegraw il-kunsiderazzjoni tal-ilma bħala ġid komuni; iqis li l-prinċipju ta' prekawzjoni għandu jiġi applikat b'mod strett fl-użu tal-bijoteknoloġija u n-nanoteknoloġija fil-prodotti li

jistgħu jaffettwaw serjament saħħet il-konsumaturi;

13. Jistenna li d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li tirrevedi d-Direttiva 2011/92/UE, mhux biss ser tissaħħaħ bil-provvediment ta' parametri aktar ċari iżda, fuq kollox, se tiġi implimentata b'mod xieraq mill-Istati Membri,
14. Jemmen li b'urġenza għandhom jiġu żviluppati proċeduri għall-petizzjonijiet, fejn il-missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni jkunu possibbli wkoll fil-ħin twil ta' mingħajr laqgħat waqt l-elezzjonijiet tal-Ewropa u saħansitra, jekk in-natura tal-petizzjoni tippermetti dan, waqt il-ħin li fih ma jsirux laqgħat fis-sajf (pereżempju f'Damùls, fejn il-perjodu ta' missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni kien illimitat għax-xhur tas-sajf);
15. Jilqa' t-tmim tas-sitwazzjoni ta' emerġenza fil-belt ta' Napoli u l-inizjattivi l-ġodda dwar il-ġestjoni tal-iskart u jistenna li l-isfidi persistenti fir-reġjun ta' Campania se jiġu indirizzati kif xieraq, jiġifieri permezz ta' impjant tal-immaniġġjar tal-iskart reġjonali u komprensiv skont id-Direttiva Qafas dwar il-ġerarkija tal-iskart tal-UE u s-sentenza tal-QĠUE tal-2010; għad għandu tħassib serju dwar l-approċċ għall-ġestjoni tal-iskart fir-reġjun ta' Lazio, partikolarment is-segwitu wara l-għeluq tal-miżbla Malagrotta;
16. Jinnota, barra minn hekk, li ċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea jkomplu jiffaċċjaw ostakli fis-suq intern, l-aktar huma u jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom bħala individwi, fornituri u konsumaturi ta' oġġetti u servizzi u bħala ħaddiema, bħal, pereżempju, il-każ ta' ħaddiema Rumeni u Bulgari li jkomplu jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq is-suq tax-xogħol f'xi Stati Membri; jindika, b'mod partikolari, li l-kooperazzjoni u effikaċja ġudizzjarja bejn il-fruntieri għadha qasam ta' tħassib primarju; jikkonludi, kollox ma' kollox, li l-kooperazzjoni u l-armonizzazzjoni msaħħin bejn il-fruntieri jkunu ta' benefiċċju kbir għall-ħarsien ta' drittijiet iċ-ċittadini u l-istimolu ekonomiku;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, bil-garanziji xierqa ta' sigurtà u trasparenza, u b'mod partikolari, tiffaċilita l-aċċessibilità tal-websajts tal-korpi tas-settur pubbliku;
18. Jindika l-isforzi magħmulin minn dan il-Kumitat għal biex titwassal it-talba ta' bosta ċittadini għal qafas legali tal-UE li jkun joffri ħarsien isħaħ u titjib fil-benessri tal-annimali, inklużi dawk domestiċi u dawk li jiġġerrew fit-toroq;
19. Jisħaq dwar l-importanza tal-ħolqien tal-Grupp ta' Ħidma Spanjol għal-Liġi Kostiera, li tista' sservi bħala preċedent għal esperjenzi simili oħra, li kien qed jistudja mill-qrib il-petizzjonijiet relattivi u l-modifika tal-liġi; itenni s-siwi tal-kuntatt dirett mal-awtoritajiet nazzjonali Spanjoli f'dan is-sens u jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' aktar kooperazzjoni msaħħa ħalli jinstab ekwilibriju aħjar bejn id-drittijiet ta' proprjetà u l-funzjoni soċjali tagħhom, u soluzzjonijiet imtejba meta l-għan aħħari tal-ħarsien tal-ambjent ikun jirrikjedi esproprijazzjoni; jesprimi l-biżgħat tiegħu li l-liġi l-ġdida tal-kosta approvata mill-Parlament Spanjol mhix qed jirnexxiha ssolvi t-tħassib tal-petizzjonanti, u lanqas hemm pjanijiet għal aktar protezzjoni ambjentali taż-żoni kostali fi Spanja;
20. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi rregolata b'mod effettiv il-protezzjoni tal-kosta, iżda jinnota li l-liġi kostiera mhix koerenti mal-oġġettivi mfittxija, peress li qiegħda taffettwa l-

patrimonju storiku u l-popolazzjoni tradizzjonali, u qed ikollha impatt negattiv fuq l-abitanti ta' bliet kostali żgħar li dejjem għexu b'mod sostenibbli mal-baħar u l-ekosistemi tiegħu;

21. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kumitat miż-żjara għas-sejbien tal-fatti f'Berlin dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh u l-benessri tal-familja, l-aktar fil-każijiet ta' kustodja bejn il-fruntieri; jinnota, b'danakollu, abbażi tal-fluss dieħel b'mod kontinwu ta' petizzjonijiet ta' din ix-xorta, li hu ċar li l-kwistjoni tal-każijiet ta' kustodja transkonfinali għadha għaddejjja, u li każijiet simili tressqu għall-attenzjoni tal-Kumitat ukoll minn Stati Membri oħrajn, l-aktar id-Danimarka; jagħraf ukoll li fir-rigward tad-Danimarka, każijiet tal-barranin li jgħixu fil-pajjiżhuma kkonċernati wkoll, f'liema pajjiżisir il-ħtif tat-tfal (anke minn barra l-pajjiż);
22. Huwa tal-fehma li hemm rabta diretta bejn il-governanza aħjar u l-mekkaniżmi aktar effiċjenti ta' rimedju minn banda, u t-trasparenza u l-aċċess għat-tagħrif mill-banda l-oħra skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001;
23. Jikkunsidra l-importanza li tittiejeb il-kooperazzjoni mal-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri, fuq bażi ta' reċiproċità, u, fejn hu meħtieġ, li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu inkoraġġiti sabiex jittrasponu u japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-UE bi trasparenza sħiħa; jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni tal-Kummissjoni mal-Istati Membri u jiddeplora d-dewmien żejjed min-naħa ta' ċerti Stati Membri fir-rigward tal-traspożizzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-ambjent;
24. Jiġbed l-attenzjoni, f'dan is-sens, għall-Ewrobarometru tal-opinjoni pubblika li jindika li huma biss 36% taċ-ċittadini tal-UE li jqisu lilhom infushom infurmati tajjeb dwar drittijiet u 24% biss dawk li jħossuhom infurmati tajjeb dwar x'jistgħu jagħmlu jekk drittijiethom ma jkunux rispettati; jisħaq, għalhekk, dwar il-ħtieġa urġenti ta' aċċess imtejjeb għat-tagħrif u għal distinzjoni aktar ċara bejn il-funzjonijiet tal-varji istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej, ħalli l-petizzjonijiet u l-ilmenti jiġu indirizzati mill-korpi t-tajbin;
25. Jitlob b'mod speċifiku lill-Kummissjoni tagħmel lill-portal web "Eżerċita drittijietek" eħfef biex jintuża mill-utenti u tqanqal kuxjenza fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-eżistenza ta' dak il-portal;
26. Hu determinat li jħaddem portal web għall-petizzjonijiet li jkun aktar prattiku u aktar viżibbli sa tmiem l-2013, ħalli jiffaċilita l-aċċess għall-proċess tal-petizzjonijiet u jagħti tagħrif siewi dwar il-petizzjonijiet, it-tixrid pubbliku tiegħu u approċċ interattiv għall-proċess tal-petizzjonijiet kif ukoll dwar mekkaniżmi oħrajn ta' rimedju; jitlob li d-dritt ta' petizzjoni jingħata aktar viżibilità fil-homepage tal-websajt tal-Parlament;
27. Jagħmel enfasi li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, flimkien ma' istituzzjonijiet, korpi u strumenti oħrajn bħalma hi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, l-Ombudsman Ewropew, il-Kummissjoni, u l-kumitati ta' inkjesta, għandhom rwol importanti u kjarament definit bħala punti ta' kuntatt għal kull ċittadin individwali; inoltre jissottolinja li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irid jissokta jkun punt ta' riferiment għaċ-ċittadini li drittijiethom qed ikunu allegatament miksurin;
28. Jilqa' l-koperazzjoni kostruttiva bejn il-Kumitat u l-Ombudsman Ewropew, bħal

pereżempju fil-każ tar-Rapport Speċjali tal-Ombudsman dwar l-Ajruport ta' Vjenna, f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni xierqa tad-Direttiva dwar l-Impatt Ambjentali; jappoġġa l-attivitajiet tal-Ombudsman li jirrigwardaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet, korpi, ufficiji u aġenziji tal-UE; jistenna li dan il-kompitu jittkompla fuq il-bażi ta' indipendenza sħiħa, kif kien il-każ sa issa;

29. Jiddikjara li c-ċittadini tal-Unjoni, mhux kollha għandhom Ombudsman fil-livell nazzjonali li għandu setgħat wiesgħa, u dan ifisser li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux kollha għandhom l-istess possibilitajiet ta' rimedji; jemmen li permezz ta' Ombudsman nazzjonali f'kull Stat Membru, in-netwerk Ewropew tal-Ombudsman jista' jagħti għajjnuna mhux negliġibbli lill-Ombudsman Ewropew;
30. Jilqa' l-koperazzjoni kontinwata mal-Kummissjoni fir-rigward tal-eżami tal-petizzjonijiet fil-qasam tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE mill-Istati Membri; jisħaq, b'danakollu, li l-Kumitat jistenna li jinżamm infurmat tajjeb u minnufih dwar l-iżvilupp konċernanti l-proċedimenti ta' ksur; jitlob lill-Kummissjoni tagħti kundiserazzjoni ndaq lill-petizzjonijiet u lmenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-funzjonament tal-proċedimenti ta' ksur; jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni illi lill-Kumitat tagħtih ukoll id-dettalji u l-analiżi statistika għall-ilmenti kollha li tkun qed tinvestiga; jenfasizza li, biex id-dritt ta' petizzjoni jiġi rrispettat b'mod sħiħ, hija fundamentali l-analiżi bir-reqqa u t-tweġiba mill-Kummissjoni meta dawn jintalbu, fejn tiġi pprovduta valutazzjoni mhux biss dwar il-kwistjonijiet formali jew proċedurali iżda wkoll dwar il-kontenut essenzjali tas-suġġett;
31. Jagħmel enfasi li l-aċċess għat-tagħrif miżmum mill-istituzzjonijiet tal-UE, kif speċifikat mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, hu ta' interess primarju għaċ-ċittadini li jkunu jridu jifhmu aħjar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari meta jkun jitttratta proġetti b'impatt fuq l-ambjent; huwa tal-fehma li li aċċess akbar għall-informazzjoni dwar il-fajls ta' investigazzjoni u ta' ksur jista' jingħata mill-Kummissjoni mingħajr ma jiġi pperikolat l-għan tal-investigazzjoni u li interess pubbliku prevalenti jista' jiġġustifika l-aċċess għal dawn il-fajls, partikularment fil-każijiet fejn id-drittijiet fundamentali, is-saħħa tal-bniedem u l-ħarsien tal-ambjent kontra ħsara irreparabbli jew fejn il-proċedimenti jkunu għaddejjin dwar diskriminazzjoni kontra minoranza jew vjolazzjonijiet tad-dinjità tal-bniedem, jistgħu jkunu f'riskju sakemm il-ħarsien ta' sigrieti kummerċjali u informazzjoni sensittiva relatata ma' każijiet fil-qrati, każijiet relatati mal-kompetizzjoni u l-fajls tal-persunal jiġu salvagwardjati;
32. Jitlob għal approċċ ta' prekawzjoni u prevenzjoni mill-Kummissjoni meta tivvaluta proġetti b'impatt negattiv potenzjali fuq l-ambjent jew is-saħħa pubblika, f'kooperazzjoni bikrija mal-Istati Membri kkonċernati; jinnota l-possibbiltà ta' miżuri ta' inibizzjoni li għandhom jiġu stabbiliti waqt id-deliberi f'każijiet fejn hija antiċipata ħsara irriversibbli;
33. Jieħu nota, b'mod partikolari, tal-kontribut siewi tan-netwerk SOLVIT fil-kaxif u r-risoluzzjoni tal-kwestjonijiet marbutin mal-implementazzjoni tal-leġislazzjoni interna tas-suq; jikoraġġixxi t-titjib ta' din l-għodda tal-UE billi jkun żgurat li l-Istati Membri jagħtu persunal adegwat liċ-Ċentri Nazzjonali ta' SOLVIT; għandhom jiġu żviluppanti wkoll l-azzjonijiet kollettivi ta' risoluzzjoni tal-kunflitti mill-konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom;
34. Jissottolinja li, kif ikkonfermat mis-Servizz Legali fl-Opinjoni tiegħu tad-29 ta' Frar 2012,

l-oqsma ta' attività tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, kif jinsabu fit-Trattat, huma usa' mill-mera somma tal-kompetenzi eżerċitati mill-Unjoni; iqis ukoll l-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Parlament li l-Parlament huwa intitolat li jadotta deċiżjonijiet amministrattivi interni li għandhom l-għan li jstabilixxu proċedura għall-ipproċessar ta' sottomissjonijiet miċ-ċittadini; jiddispjaċih f'dan ir-rigward bin-nuqqas mis-servizz xieraq tal-Parlament li jsegwi r-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Novembru 2012 dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet 2011¹, fir-rigward ta' sottomissjonijiet minn ċittadini dwar kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-qasam tal-kompetenza tal-UE; finalment, jieħu nota tad-deċiżjoni legali mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Kawża T-280/09), li tispeċifika li petizzjoni għandha titfassal b'mod ċar u preċiż b'tali mod li tinftiehem sew, fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE;

35. Ihegġegħ lill-Istati Membri jittrasponu u japplikaw l-leġiżlazzjoni tal-UE bi trasparenza sħiħa u, b'dak l-objettiv miżmum amment, iqis li hu indispensabbli li titjeb il-koperazzjoni bikrija tal-Kummissjoni mal-parlament u l-gvernijiet tal-Istati Membri, fuq bażi reċiproka;
36. Jiddeplora l-ostakli burokratiċi li jikkonċernaw l-inizzjattivi taċ-ċittadini Ewropej minħabba nuqqas ta' appoġġ tal-informatika ; jiddispjaċih l-aktar li jeżisti kuntrast tant kbir f'tali strument f'idejn iċ-ċittadini bejn l-amministrazzjonijiet u l-proċessi ta' funzjonament differenti tal-Istati Membri ;
37. Jilqa' s-Sena taċ-Ċittadinanza Ewropea fl-2013; jistieden lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha kemm tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Istati Membri li jtejbu u jikkommunikaw b'mod iktar sħiħ is-servizz tagħhom liċ-ċittadini u r-residenti Ewropej matul din is-sena, fid-dawl tal-prinċipji li jinsabu fit-Trattati u l-fatti rivelati f'dan ir-rapport;
38. Jinnota li l-mekkaniżmu tal-petizzjonijiet mhux biss servizz, imma dritt għaċ-ċittadini u residenti Ewropej kollha; jieħu l-impenn li jagħmel il-proċedura tal-petizzjonijiet aktar effiċjenti, trasparenti u imparzjali, filwaqt li jinżammu d-drittijiet parteċipattivi tal-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, ħalli t-ttrattament tal-petizzjonijiet jgħaddi mill-eżami ġudizzjarju wkoll f'livell ta' proċedura;
39. Jagħmel enfasi fuq ir-rwol essenzjali taż-żjarat għas-sejbien tal-fatti fil-proċedura tal-petizzjonijiet, mhux biss bħala dritt parlamentari ta' parteċipazzjoni, imma wkoll bħala obbligu relattiv għall-petizzjonanti; jafferma mill-ġdid, kif ġa ngħad fir-rapport preċedenti tal-Kumitat, il-ħtieġa għal regoli ta' proċedura aktar preċiżi u bil-miktub b'rabta mal-preparazzjoni, l-implementazzjoni u l-valutazzjoni taż-żjarat, billi jkun żgurat min-naħa l-waħda li l-membri kollha taż-żjara għas-sejbien tal-fatti jkollhom id-dritt jippreżentaw il-fatti mill-puntodivista tagħhom filwaqt li, min-naħa l-oħra, ikun iggarantit lill-Membri kollha tal-Kumitat li jipparteċipaw fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu redatti mill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet;
40. Jitlob lill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlament issaħħaħ ir-rwol investigattiv tal-Kumitat;

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0455.

41. Iqis l-organizzazzjoni tas-smiġh pubbliku bħala mezz utli għall-istudju fil-fond tal-kwistjonijiet imqanqlin mill-petizzjonanti; jixtieq jiġbed l-attenzjoni, pereżempju, għas-smiġh pubbliku li sar dwar l-esplorazzjoni u l-isfruttament ta' sorsi mhux konvenzjonali tal-enerġija, li ħa nota tat-tħassib imqanqal f'dan ir-rigward miċ-ċittadini tal-UE permezz tal-petizzjonijiet tagħhom; jirrikonoxxi d-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom u l-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar fl-UE, fil-kisba tat-tliet għanijiet tal-politika tal-enerġija kollha kemm hi tal-UE, jiġifieri l-kompetittività, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista;
42. Jistenna b'ħerqa l-organizzazzjoni tas-smiġh pubbliku għall-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej li jkunu rnexxew, flimkien mal-Kumitat leġiżlattiv responsabbli skont ir-Regola 197A tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew; jafferma mill-ġdid it-twemmin tiegħu li din l-għodda l-ġdida se ssaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Unjoni u tagħti tifsir lin-nozzjoni taċ-ċittadinanza Ewropea;
43. Madankollu, huwa mħasseb dwar l-ostakli tekniċi u burokratiċi għaċ-ċittadini mmanifestati fl-ewwel xhur tal-applikazzjoni Prattika tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej; għaldaqstant, iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħseb serjament biex tressaq reviżjoni deskritta skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;
44. Jenfasizza l-ħtieġa għal reviżjoni regolari tal-qagħda preżenti fir-rigward tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej, bil-għan li tittejjeb il-proċedura u tippermetti li jinstabu soluzzjonijiet effikaċi malajr kemm jista' jkun malajr għal kwalunkwe ostaklu f'kull stadju tal-proċedura;
45. Jemmen li r-rwol u r-responsabilitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikunu mwettqin l-aħjar, u l-viżibiltà, l-effiċjenza, ir-responsabilità politika u t-trasparenza tiegħu mtejbni l-aħjar, bit-titjib tal-mezzi tiegħu biex iressaq il-kwestjonijiet ta' importanza liċ-ċittadini Ewropej quddiem il-plenarja, u jgħolli l-livell tal-abilitajiet tiegħu li jsejjaħ ix-xhieda, imexxi l-investigazzjonijiet u jorganizza smiġh;
46. Jiddeċiedi li jikkunsidra kemm titqies xierqa l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura sabiex jiġu implementati dawn ir-rekwiżiti formali għall-proċedura tal-petizzjonijiet imsemmijin aktar 'il fuq dwar iż-żjarat għas-sejbien tal-fatti u r-risoluzzjonijiet tal-plenarja skont l-Artikolu 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;
47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-kumitati għall-petizzjonijiet tagħhom u lill-ombudsmen tagħhom jew lil entitajiet simili kompetenti.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-dritt tal-petizzjoni

Id-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni Ewropea li jibagħtu petizzjoni lill-Parlament Ewropew, bħala individwi jew f'isem assoċjazzjonijiet, huwa dritt li ilu jeżisti mogħtija mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Art. 227) u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (l-Art. 44). Id-dritt tal-petizzjoni huwa għodda demokratika essenzjali, għaliex tgħin lill-Membri tal-Parlament Ewropew jaraw ir-realtà tal-kwistjonijiet li jqajmu tħassib fost iċ-ċittadini, u dan juri wkoll li l-Parlament Ewropew huwa lest li jintervjeni direttament sabiex jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini.

Il-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkontrollaw l-ammissibilità, janalizzaw il-kontenut, u jieħdu azzjoni dwar kull petizzjoni li tiġi sottomessa. L-azzjoni ħafna drabi tinkludi djalogu dirett ma' Kumitati oħra tal-Parlament Ewropew u ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea, li huma mitluba jinvestigaw jew jagħtu l-opinjoni tagħhom. Il-Kumitat jista' jikkonsulta wkoll mal-amministrazzjonijiet nazzjonali jew mar-rappreżentazzjonijiet permanenti, jorganizza żjarat għal għbir ta' informazzjoni, u jelabora rapporti fuq inizjattiva proprja. L-għan tal-Membri huwa li jwiegħbu lill-petizzjonanti b'konklużjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew riferiment lil istituzzjonijiet jew korpi oħra.

Fl-2012, il-Kumitat għall-Petizzjoni rreġistrat total ta' 1986 petizzjoni. Din hi żieda ċara mill-1414-il petizzjoni rreġistrati fl-2011. Fl-Anness Statistiku ta' dan ir-rapport hemm ċifri dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni, l-adozzjoni, il-pajjiżi mdaħħlin, in-nazzjonalità tal-petizzjonanti, il-lingwa u l-format tas-sottomissjonijiet, kif ukoll it-temi prinċipali tal-petizzjonijiet.

It-tifsira ta' *Ċittadinanza*

Matul l-2012, il-Membri tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI) iddedikaw ammont kbir ta' ħin u sforz biex jiddiskutu t-tifsira ta' ċittadinanza u l-ostakli li ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea għadhom jiffaċċjaw meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Notevolment, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet laqa' l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) fl-1 ta' April 2012. L-ECI tikkostitwixxi l-ewwel strument ta' demokrazija parteċipattiva transnazzjonali u se tagħti liċ-ċittadini l-possibiltà li jkunu involuti attivament fit-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni Ewropej. Il-PETI se jilgħab rwol primordjali fil-proċess bħala l-organizzatur indipendenti tas-seduti ta' smiġh pubbliċi dwar is-suġġetti tal-ECIs li jkollhom suċċess, flimkien mal-Kumitat leġiżlattiv responsabbli. F'Mejju, il-Membri kellhom skambju ta' fehmiet mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Maroš Šefčovič, li matulu hu ħabbar ir-reġistrazzjoni simbolika tal-ewwel ECI, iddedikata lill-politiki għal Żgħażaġħ Ewropej – Fraternità 2020.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet mexxa dibattitu prinċipali fis-sessjoni plenarja ta' Marzu fi Brussell, li matulha l-Parlament Ewropew adotta r-rapport fuq inizjattiva proprja 'Rapport dwar iċ-Ċittadinanza Ewropea 2010' (Rapporteur: Adina-Ioana Vălean). Ir-rapport, li rċeva opinjonijiet mill-kumitati għall-Kultura, għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, u għall-Affarijiet Kostituzzjonali, enfażizza kwistjonijiet relatati mal-libertà ta' moviment taċ-

ċittadini tal-UE u mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, fejn enfasizza l-ostakli affaċċjati minn persuni f' relazzjonijiet tal-istess sess u mill-popolazzjoni tar-Rom meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Ir-rapport jittama li jikkontribwixxi biex iqajjem kuxjenza u jippromwovi diskussjoni dwar it-tifsira ta' ċittadinanza fl-Unjoni Ewropea.

Fil-bidu tas-sena, il-PETI kkontribwixxa wkoll għall-ħidma tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern b'Opinjoni dwar żewġ rapporti prinċipali. Fir-rigward tad-deżinjazzjoni tal-2013 bħala s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, il-PETI talab li jittieħdu miżuri biex iċ-ċittadini tal-Unjoni jingħataw informazzjoni dwar il-ħidma tiegħu u l-ħidma tal-Ombudsman Ewropew sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar tad-drittijiet tagħhom u jiddefenduhom skont il-liġi tal-Unjoni (Rapporteur: Nikolaos Salavrakos). Dwar il-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza propost għall-2014-2020, il-PETI ħeġġeġ għall-inklużjoni espliċita ta' referenzi għad-drittijiet tal-persuni b' diżabilità u għall-ħtieġa għal allokkazzjoni ġudizzjuża, aċċessibbli u trasparenti tal-fondi fil-qafas tal-Programm, żewġ kwistjonijiet li kienu s-suġġett ta' diversi petizzjonijiet (Rapporteur: Adina-Ioana Vălean).

Sabiex ikun jista' jkompli jiddelibera dwar it-tifsira ta' ċittadinanza fl-Unjoni Ewropea, il-PETI ddeċieda li jżomm seduta ta' smiġħ konġunta mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u mal-Kummissjoni Ewropea fid-19 ta' Frar 2013.

o L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq it-tifsira ta' ċittadinanza

Matul l-2012, il-kriżi ekonomika kien għad għandha impatt profond fuq il-maġġoranza tar-reġjuni madwar l-Unjoni Ewropea, fejn iddeterjorat b' mod mgħaġġel il-benessri ta' mijiet ta' eluf ta' familji. Din ir-realtà qajmet xettiċiżmu fost iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea dwar is-saħħa tal-istituzzjonijiet demokratiċi kemm fil-livell tal-Istat Membru kif ukoll dak Ewropew, inkluż dwar il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-Parlament Ewropew.

F'Settembru, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu diskussjoni twila dwar petizzjoni li tindirizza preċiżament din il-kwistjoni. Il-petizzjoni, iffirmata minn aktar minn 10,000 ċittadin, targumenta favur il-formazzjoni ta' gvern ekonomiku federali fl-Unjoni Ewropea: unjoni fiskali li tkun responsabbli demokratikament lejn il-Parlament Ewropew u li tinvolvi riformi strutturali li għandhom l-għan li jżidu l-kompetittività u l-impjiegi. Il-petizzjonanti argumentaw ukoll favur Konvenzjoni Kostituzzjonali li ssegwi l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2014.

Matul id-dibattitu, il-membri tal-PETI qasmu l-fehma li l-kriżi ekonomika kurrenti tikser id-drittijiet taċ-ċittadini, mhux biss id-drittijiet ekonomiċi tagħhom iżda anki d-drittijiet soċjali u politiċi mogħtija mit-Trattat u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Mingħajr dubju, l-erożjoni tad-demokrazija qed tinħass sew madwar l-Unjoni u jinħtieġ b' mod urġenti dibattitu pubbliku usa'.

Bħala riżultat ta' dan, il-PETI ddeċieda li jipproponi l-organizzazzjoni ta' seduta ta' smiġħ pubblika dwar id-drittijiet taċ-ċittadini u l-kriżi ekonomika fl-2013. Is-seduta ta' smiġħ, li se tinżamm b' mod konġunt mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, se tinvolvi ċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha u se tiddiskuti modi u għodod għal responsabbiltà u impenn demokratiku akbar.

o L-importanza ta' amministrazzjoni tajba u implimentazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE

Id-dritt għall-amministrazzjoni tajba huwa dritt fundamentali li jiżgura li l-mistoqsijiet, il-problemi u affarijiet oħra taċ-ċittadini jiġu ttrattati b' mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli. Fi snin reċenti, ħafna petizzjonijiet urew li ċ-ċittadini qed jiġu dejjem iżjed ikkonfrontati direttament bl-amministrazzjoni tal-Unjoni u li l-istanzi ta' arbitrarjetà, l-inċertezza legali, u n-nuqqas ta' trasparenza jistgħu jnaqqsu l-fiduċja li ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea għandhom fl-istituzzjonijiet Ewropej. B'riżultat ta' dan, f'April il-PETI adotta Opinjoni għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali li fiha esprima t-tħassib li d-dritt għal amministrazzjoni tajba mhux protett biżżejjed. L-Opinjoni laqgħet il-proposta għal Liġi ta' Proċedura Amministrattiva ġdida filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet speċifiċi dwar proċeduri ta' ksur u dwar il-kunflitti ta' interess (Rapporteur: Margrete Auken).

L-implimentazzjoni xierqa tal-liġi tal-Unjoni Ewropea wkoll hija kundizzjoni essenzjali għal-leġittimità tal-governanza demokratika u biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom. F'Opinjoni separata għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali, il-membri tal-PETI indikaw li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkomplu jużaw il-mekkaniżmu tal-petizzjonijiet biex jirrapportaw u jilmentaw dwar in-nonkonformità mal-liġi tal-UE mill-awtoritajiet tal-Istati Membri f'livelli differenti. B' mod partikolari, il-membri tal-PETI wissaw li ċ-ċittadini għadhom fil-maġġoranza tagħhom mhux informati dwar il-proċeduri ta' ksur, u li ħafna drabi jħossuhom żgwidati dwar l-applikabilità tal-liġi tal-UE fejn din tiġi trasposta tard u dwar il-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-PETI għalhekk ħeġġeġ li jsir progress sostantiv u tanġibbli lejn iż-żieda fit-trasparenza permezz ta' aċċess akbar għall-informazzjoni dwar l-ilmenti, il-fajls dwar il-ksur u mekkaniżmi oħra ta' infurzar (Rapporteur: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg).

Ir-Rispett tad-Drittijiet Fundamentali

Bħal fis-snin preċedenti, id-Drittijiet Fundamentali jibqgħu suġġett ewlieni tal-petizzjonijiet sottomessi lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Total ta' 500 petizzjoni sottomessi fl-2012 iddenunzjaw, sa ċertu limitu, ksur tad-drittijiet fundamentali u għalhekk talbu għal protezzjoni aktar effettiva tal-valuri Ewropej li jinsabu fil-Karta u fit-Trattati. Dan jirrappreżenta 25.1% tal-petizzjonijiet fl-2012, meta mqabbel ma' 21% fl-2011, 20.4% fl-2010, u 23.3% fl-2009.

L-UE u l-istituzzjonijiet tagħha għandhom id-dover li jirrispettaw, jiggarrantixxu, jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu rwol ċentrali f'dan id-dover, għaliex huwa fdat speċifikament bit-tfittxija ta' rimedji mhux ġudizzjarji f'isem il-petizzjonanti, sabiex jassisti liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom u fl-applikazzjoni xierqa tal-valuri u l-prinċipji li hemm fil-Karta u fit-Trattati.

F'dan il-qasam, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikkontribwixxa b'Opinjoni għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010-2011) (Rapporteur: Adina-Ioana Vălean). L-opinjoni ġibdet l-attenzjoni għad-diskriminazzjoni persistenti kontra ċittadini bħala riżultat tar-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-appartenenza għal grupp ta' minoranza, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Din iddeplorat ukoll ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni li frekwentament jostakolaw il-pluraliżmu tal-mezzi ta' komunikazzjoni, u fakkret li ċ-ċittadini għandhom id-dritt li jiċċaqalqu u jgħixu liberalment fl-Unjoni Ewropea; u enfasizzat li l-portabbiltà tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u

tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u d-dokumenti tal-istat ċivili u tal-effetti tagħhom huma drittijiet importanti.

o Id-drittijiet tal-persuni b' diżabilità

Fil-5 ta' Diċembru 2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ipparteċipa attivament fit-Tielet Parlament Ewropew tal-Persuni b' Diżabilità. Diversi petizzjonijiet jevidenzjaw id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom persuni b' diżabilità u l-fatt li dawn ma jgawdux il-libertajiet u d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità. Il-Membri tal-PETI għalhekk jieħdu b' ħafna serjetà r-responsabbiltà tagħhom li jstabbilixxu qafas għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u jirreferu għaliha sistematikament matul il-ħidma tal-Kumitat.

Matul l-avveniment, il-membri tal-PETI wisew li l-lakuni fl-implimentazzjoni tal-prinċipju eżistenti tat-trattament ugwali tal-persuni b' diżabilità qed jittressqu regolarment għall-attenzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet miċ-ċittadini kkonċernati. Din ir-realtà toħloq ostakli li jipprevenuhom milli jgawdu d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, bħall-użu normali tas-sistema edukattiva, l-aċċess għall-impjiegi, l-assigurazzjoni, il-finanzjament jew il-faċilitajiet tat-trasport pubbliku.

Il-Membri tal-PETI fakkru lill-parteċipanti li diġà fl-2009 l-Kumitat kien irċieva petizzjoni b' aktar minn miljun firma li talbet għal protezzjoni estensiva fil-politiki kollha tal-Unjoni Ewropea għal persuni b' diżabilità. Petizzjoni oħra aktar reċenti ddenunzjat l-użu ħażin tal-Fondi Strutturali tal-UE minn ċerti Stati Membri, Prattika li tostakola l-għanijiet tal-Istrateġija favur il-persuni b' diżabilità. Il-PETI ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel id-diżabilità bħala kondizzjonalità ex ante għal kull proġett iffinanzjat mill-UE.

o Il-protezzjoni tal-libertà tal-kelma u tal-privatezza

Wieħed mis-suġġetti l-aktar kontroversjali fil-Parlament Ewropew matul l-ewwel nofs tal-2012 kien id-dibattitu dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) multinazzjonali. Fi Frar, il-President tal-PETI Erminia Mazzoni u r-Rapporteur għat-trattat tal-ACTA fil-Parlament Ewropew David Martin, li huwa membru tal-Kumitat ewlieni għall-Kummerċ Internazzjonali, irċevew formalment petizzjoni b' aktar minn żewġ miljun firem u nofs. Il-petizzjonanti esprimew l-oppożizzjoni tagħhom għall-ACTA għar-raġunijiet li dan se jikser id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini fir-rigward tal-libertà tal-kelma u tal-privatezza. Fil-jum meta ġiet sottomessa l-petizzjoni, ġew imxandra u distribwiti b' mod wiesa' dikjarazzjonijiet għall-istampa.

F'Ġunju, twettaq dibattitu matul il-laqgħa ta' kull xahar tal-PETI. Il-petizzjonanti kienu preżenti u wisew lill-membri tal-parlament li s-sena 2012 kienet timmarka punt ta' ksur fir-rispons u r-responsabbiltà istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea. Il-Membri tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, inkluż ir-Rapporteur David Martin, irċevew ilmenti li l-Kummissjoni Ewropea ma ppruvatx tqis mill-ġdid is-sustanza tal-ACTA abbażi tal-kritika wiesgħa u t-tħassib espressi miċ-ċittadini. Il-membri tal-PETI kkonkludew li kien hemm maġġoranza ċara favur iċ-ċaħda tal-ACTA u qablu li jwasslu t-tali pożizzjoni lill-kumitati leġiżlattivi rilevanti fil-Parlament Ewropew.

Il-ħames kumitati leġiżlattivi kollha involuti (għall-Iżvilupp, għal-Libertajiet Ċivili, il-

Ġustizzja u l-Intern, għall-Affarijiet Legali, u għall-Kummerċ Internazzjonali) ċaħdu l-ftehim fil-laqgħat tagħhom. Matul is-sessjoni plenarja ta' Lulju, il-Parlament Ewropew kollu vvota b' maġġoranza assoluta biex jiċċad l-ACTA, b'478 vot kontra u 39 biss favur (146 astensjoni).

o L-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni

F'Novembru, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ittratta petizzjoni dwar id-dritt fundamentali tal-aċċess għad-dokumenti, li huwa protett mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-każ speċifiku jikkonċerna ċittadina Spanjola ta' tmenin sena li missierha kien arrestat u maqtul matul il-Gwerra Ċivili Spanjola (1936-1939), u li spjegat lill-membri tal-PETI li l-qrati u l-amministrazzjoni nazzjonali qed jiċċdu l-aċċess tagħha għad-dokumenti li hi qed tallega li jeżistu.

Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea qalet li l-każ huwa barra mill-kompetenza tal-Unjoni Ewropea, il-PETI indika l-Karta kif ukoll ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, li diġà enfasizzat li ġeneralment ikun hemm nuqqas ta' konformità mad-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u ħeġġeġ għal aktar trasparenza fil-livell tal-Istat Membru. Fl-aħħar tad-dibattitu, il-PETI ddeċieda li jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, biex iħeġġiġhom jiffaċilitaw l-inkjesti tal-petizzjonanta u li jiżguraw li Spanja tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Uffiċjali (CETS Nru: 205).

o Ir-rispett tal-għażla fid-dritt għal-Libertà ta' assoċjazzjoni

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem it-tnejn ikopru d-dritt taċ-ċittadin għal-libertà ta' assoċjazzjoni. Okkażjonalment, madankollu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa kkonfrontat b'petizzjonijiet li jitolbu r-rispett għal libertajiet negattivi. Fl-2012, il-PETI kompli l-ħidma fuq petizzjoni li ilha għaddejja li sservi bħala eżempju ta' dan.

Fl-2008, assoċjazzjoni Svediża u Nisranija ta' sidien ta' negozji indikat li l-imsieħba tagħha ġew mhedda u intimidati minħabba li rrifjutaw, għal raġunijiet reliġjużi, li jiffirmaw ftehimiet kollettivi maqbula minn trejndjunjins Svediżi. Dawn argumentaw li l-libertà ta' nuqqas ta' assoċjazzjoni huwa dritt individwali ugwali fil-piż għal-libertà ta' assoċjazzjoni, u bħala konsegwenza talbu li jiġi rispettata id-dritt tagħhom għal libertà negattiva ta' assoċjazzjoni. Billi l-Kummissjoni Ewropea ssostni li l-kwistjoni mqajma hija sitwazzjoni interna fl-Isvezja b'ebda konnessjoni mal-liġi tal-UE, il-membri tal-PETI jibqgħu kkonċernati dwar ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, u għalhekk fl-2012 komplew isegwu l-petizzjoni, billi ssottomettew talba għal tweġiba orali lill-Kummissjoni u talbu li tiġi diskussa s-sustanza fil-bidu tal-2013.

Din il-petizzjoni sservi biex tfakkar li l-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet hija differenti sew mill-Ħidma tal-Kummissjoni u l-ġudikatura. B'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, u sabiex jagħtu tifsira tanġibbli lill-kunċett ta' ċittadinanza, il-membri tal-PETI l-ewwel nett għandhom id-dover li jinvestigaw l-allegazzjonijiet tal-petizzjonanti, u jiżguraw li d-deliberazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tal-liġi tal-UE fil-livell istituzzjonali ma jsirux inflessibbli, staġnati, jew ma jkollhomx x'jaqsmu mal-ħajjiet ta' kuljum taċ-ċittadini.

o Drittijiet ta' proprjeta

Fil-bidu tal-2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet stabbilixxa Grupp ta' Ħidma Informali, li jikkonsisti minn membri tal-gruppi politiċi kollha, biex jiddiskuti l-kwistjoni li ila għaddejja tar-rispett tad-drittijiet ta' proprjeta fi Spanja u, speċifikament, il-Liġi Kostali ta' dan il-pajjiż.

Bejn Marzu u Novembru, seħħew sitt laqgħat li matulhom il-membri qiesu l-kontenut tal-79 petizzjoni li rċevew dwar din il-kwistjoni u li jqajmu firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, l-aktar notevoli s-sitwazzjoni tal-inċertezza legali li jiffaċċjaw is-sidien tal-proprjeta quddiem liġi li jallegaw li ġiet implimentata b'mod retroattiv u, f'ħafna każijiet li qajmu l-petizzjonanti, b'mod arbitrarju.

F'April, il-Grupp ta' Ħidma kellu skambju ta' fehmiet ma' żewġ rappreżentanti tal-Ministerio de Agricultura, Alimentación y Medio Ambiente ta' Spanja. Bħalma d-Direttur Ġenerali għall-Affarjiet Kostali ħabbar lill-Grupp ta' Ħidma, il-Gvern introduċa emendi għal-Liġi Kostali f'Ottubru. Sal-aħħar tal-2012, l-Abbozz ta' Liġi kien qed jiġi emendat fil-proċess leġislativ nazzjonali.

Id-djalogu mal-awtoritajiet Spanjoli rriżulta b'mod ġenerali pożittiv. Sabiex jitkompla l-iskambju ta' fehmiet u jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali tal-petizzjonanti jiġu rispettati, sal-aħħar tas-sena l-Grupp ta' Ħidma ddeċieda li jsegwi l-ħidma tiegħu billi jwettaq żjara għal ġbir ta' informazzjoni f'Madrid fil-bidu tal-2013 [21-22 ta' Marzu], li matulha delegazzjoni tal-PETI se tiltaqa' mal-petizzjonanti, l-awtoritajiet, u rappreżentanti oħra tas-soċjeta ċivili.

L-importanza kbira li jiġu protetti l-Ambjent u s-Saħħa Pubblika

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jemmen fermament li hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi, mil-livell lokali għal dak Ewropew, li jiżgura li l-bijodiversità u l-ekosistemi tagħna jiġu ppreservati u mtejba, mhux biss fiż-żoni deżinjati għal protezzjoni speċjali iżda kullimkien.

Mingħajr dubju, il-protezzjoni tal-ambjent ma tistax tiġi diżassoċjata mill-protezzjoni tas-saħħa pubblika. It-tniġġiż u l-prattika ħażina ambjentali jesponu liċ-ċittadini għal riskji perikolużi fuq is-saħħa, fit-tul u li ħafna drabi huma perikolużi għall-ħajja. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jieħu d-dritt taċ-ċittadini li jgawdu ambjent b'saħħtu b'ħafna serjeta, u għalhekk iqis ir-riskji fuq is-saħħa bħala inerenti fil-valutazzjoni xierqa tal-impatt ambjentali ta' proġetti u attivitajiet.

Għalhekk hija realtà li l-ħajjiet ta' kuljum u l-ġhajxien taċ-ċittadini Ewropej jiddependu ħafna fuq is-saħħa tal-ambjent tagħna, u huwa innegabbli li r-responsabbiltà li jiġu żgurati standards għoljin ta' protezzjoni taqa' fuq l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-Istat Membru. Dawn ir-realtajiet huma riflessi fil-fatt li maġġoranza kbira tal-petizzjonijiet sottomessi lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkonċernaw l-ambjent. Fl-2012, total ta' 279 petizzjoni ġew sottomessi dwar dan is-suġġett vast, li jirrappreżenta 14.1% tal-petizzjonijiet kollha. Dan jikkompara mat-18.4% fl-2011, 14.9% fl-2010, u 11.9% fl-2009. Ħafna petizzjonijiet kienu jirreferu speċifikament għat-Tniġġiż (57), l-Iskart (37), il-Protezzjoni u l-preservazzjoni (31), il-Valutazzjonijiet tal-Impatt (23) u l-Ilma (24).

Fil-5 ta' Diċembru, il-President tal-PETI Erminia Mazzoni tkellmet f'Konferenza tal-Kumitat

tar-Reġjuni li ddiskutiet is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali u modi biex tiġi implimentata aħjar il-Liġi Ambjentali tal-UE. F'isem il-PETI, il-President enfasizzat primordjalment id-dritt taċ-ċittadini, skont id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li jkunu kkonsultati fuq firxa vasta ta' proġetti li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent. Ħafna drabi, il-PETI jirċievi petizzjonijiet ta' ċittadini li jiddenunzjaw li ma tkun seħħet l-ebda konsultazzjoni pubblika għal xogħlijiet kbar pubbliċi u privati. It-tieni, il-President Mazzoni ħeġġet lill-Kummissjoni Ewropea twettaq dejjem aktar monitoraġġ bir-reqqa tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-iskart madwar l-Ewropa, minħabba li ħafna petizzjonijiet jirreferu għall-ksur sistematiku tad-direttivi relatati mal-iskart. Fl-aħħar nett, il-President fakkret lill-Kummissjoni dwar il-Ftehim Interistituzzjonali fejn id-dettalji tar-raġunijiet u l-istat tal-proċeduri ta' ksur iridu jiġu kkomunikati lill-Parlament fi żmien xieraq u b'mod eżawrjenti.

Matul l-2012, il-Membri tal-PETI kienu tal-fehma inekwivokabbli li governanza ambjentali aħjar u mekkaniżmi ta' rimedju aktar effiċjenti huma konnessi direttament mat-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni. L-Opinjoni tal-PETI dwar it-titjib tat-twassil tal-benefiċċji mill-miżuri ambjentali tal-UE, li kkontribwiet għall-ħidma tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, enfasizzat li jinħtieġu standards għoljin ta' informazzjoni u trasparenza li jiżguraw li l-politika ambjentali tal-UE jkollha l-kunsens taċ-ċittadini (Rapporteur: Giles Chichester).

o Prattiki ta' ġestjoni tal-iskart fl-Italja – Żjara tal-PETI għal Ġbir ta' Informazzjoni fl-2012

Il-ġestjoni tal-iskart kien suġġett tal-petizzjonijiet rikorrenti u li qed jiżdied f'dawn l-aħħar snin, b'żieda minn 18-il petizzjoni fl-2009 għal 37 fl-2012. Il-PETI diġà kien iddedika ħafna ħin u riżorsi għal din il-kwistjoni fl-2011, ħidma li wasslet għall-adozzjoni mill-Parlament Ewropew kollu, fi Frar 2012, tar-rapport fuq inizjattiva proprja 'Kwistjonijiet imqajma mill-petizzjonanti b'rabta mal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart, u ta' direttivi relatati, fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea' (Rapporteur: Carlos José Iturgaiz Angulo).

Prattiki mifruxa ta' ġestjoni ħażina tal-iskart fl-Italja, madankollu, wasslu l-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex ikompli jinvestiga l-petizzjonijiet f'dan il-qasam matul l-2012. Fil-bidu tas-sena, il-Membri ddiskutew petizzjonijiet ġodda dwar il-ġestjoni tal-iskart u miżbliet illegali fir-reġjun tal-Campania u l-Lazio. Il-petizzjonanti u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet Taljani kienu preżenti għad-diskussjonijiet, li matulhom il-Kummissjoni Ewropea esprimiet id-dissodisfazzjon bil-progress li sar fl-Italia mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) fl-2007 li ordnat lill-Italja biex taġixxi f'konformità mad-Direttiva dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart. F'Ottubru 2012, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tirreferi lill-Italja lura għall-QtĠ-UE, billi talbet għal multi, minħabba n-nuqqas mill-awtoritajiet Taljani li jimplimentaw din is-sentenza preċedenti.

Bħala riżultat ta' dan, il-PETI ddeċieda li jwettaq Żjara għal Ġbir ta' Informazzjoni fir-reġjuni tal-Campania u l-Lazio. Id-delegazzjoni vvjaġġat fid-29-31 ta' Ottubru 2012 u kienet magħmula minn tliet Membri (Judith Merkies bħala l-kap tad-delegazzjoni, Margrete Auken, u Erminia Mazzoni, il-Presidenti tal-PETI), kif ukoll seba' membri ta' akkumpanjament tal-Istat Membru kkonċernat (Roberta Angelilli, Alfredo Antoniozzi, Clemente Mastella, Roberto

Gualtieri, Guido Milana, David-Maria Sassoli, u Niccolò Rinaldi). Id-delegazzjoni żaret is-siti ta' Malagrotta, Monti dell'Ortaccio, Riano Pian dell'Olmo, u A.M.A. Via Salaria, ħdejn Ruma, u ltaqgħet mal-petizzjonanti u l-awtoritajiet pubbliċi kemm f'Ruma kif ukoll f'Napli.

Mar-ritorn tagħha, id-delegazzjoni esprimiet id-diżapprovazzjoni tagħha tal-politiki segwiti fir-reġjun tal-Lazio dwar il-ġestjoni tal-iskart, b'mod partikolari d-dipendenza eċċessiva fuq il-miżbljet. Id-delegazzjoni esprimiet ukoll tħassib kbir dwar l-inkapaċità ovsja tal-awtoritajiet reġjonali u provinċjali li jaħdmu b'mod aktar trasparenti u koerenti mal-muniċipalitajiet u s-soċjetà ċivili, favur l-istabbiliment ta' strateġija fattibbli għall-iskart ibbażata fuq it-tnaqqis tal-iskart, l-issortjar u r-riċiklaġġ tal-iskart u li tinkludi l-ikkompostjar u t-ttrattament bijomekkaniku tal-iskart. Madankollu, il-membri għarfu li l-approċċ tal-Ministru attwali tal-Ambjent huwa pożittiv u kostruttiv u ħaqqu appoġġ mill-Kummissjoni Ewropea, u mill-Parlament Ewropew.

Id-delegazzjoni kkonkludiet ukoll li r-rwol u l-awtorità tal-Kummissarju speċjali fil-Lazio mhux adattat għall-problemi reali li qed tiffaċċja l-popolazzjoni, meta jitqiesu l-livelli impressjonanti ta' ġestjoni ħażina fit-tul, u fid-dawl tal-fatt li s-setgħat ta' emerġenza huma kontraproduċenti u qed jiksru b'mod flagranti ħafna aspetti tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart tal-UE. Barra minn hekk, il-membri osservaw li l-privatizzazzjoni kkontribwiet għad-deklin tal-ġestjoni tal-iskart b'konsegwenzi diżastrużi għall-popolazzjoni lokali u li din ibbenefikat biss lill-gruppi kriminali organizzati li jaqgħu taħt it-terminoloġija ġenerali tal-mafja.

Fost rakkomandazzjonijiet oħra, id-delegazzjoni ħeġġet lill-awtoritajiet Taljani jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv mal-petizzjonanti u s-soċjetà ċivili, billi fakkret fid-dritt taċ-ċittadini li jiġu kkonsultati pubblikament. Id-delegazzjoni talbet lill-Kummissjoni Ewropea toħroġ il-finanzjament meħtieġ biex tappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet muniċipali ta' Napli, filwaqt li ttwettaq awditjar regoli tal-infiq u tippubblika tali verifiki annwali f'reġistru trasparenti miftuħ għall-ispezzjoni mill-pubbliku. Id-delegazzjoni rrakkomandat ukoll li l-militar jirtira minn kull aspekk tal-politika dwar l-iskart u li s-setgħat mogħtija lill-Kummissarju Speċjali, bl-użu tal-istrument tal-Leġiżlazzjoni ta' Emerġenza, jiġu rrevokati minnufih.

- o *Valutazzjoni tal-impatt ta' proġetti u attivitajiet fuq l-ambjent u fuq is-saħħa pubblika*

Fl-2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għal darb' oħra ttratta diversi petizzjonijiet ippreżentati minn ċittadini affettwati jew ikkonċernati mill-impatt ta' ċertu proġetti jew attivitajiet fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tagħhom. Mill-anqas 23 petizzjoni sottomessi fl-2012 jidħlu b'mod speċifiku f'din il-kategorija.

Pereżempju, il-Membri laqgħu lura fil-Laqqgħa tal-Kumitat ta' Marzu bidwi Irlandiż li kien issottometta petizzjoni lura fl-2006. Il-PETI żar ir-razzett fl-2007 u, minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Membri appoġġjaw il-petizzjonant fit-tentattiv tiegħu li jikseb rikonossiment u apoloġija għall-impatt devastanti li l-emissjonijiet tossiċi minn fabbrika fil-viċinanza kellha fuq is-saħħa tal-bidwi u l-familja tiegħu. L-awtoritajiet Irlandiżi u l-President ta' qabel tal-Unjoni tal-Bdiewa Irlandiżi wkoll kienu preżenti għad-dibattitu, li kkonkluda bid-deċiżjoni mill-Membri tal-PETI li jfittxu valutazzjoni indipendenti fuq id-dejta u l-informazzjoni disponibbli s'issa.

Il-petizzjonanti minn Tarranto, l-Italja, huma mħassba b' mod simili dwar l-impatt tat-tniġġiż eċċessiv industrijali fuq is-saħħa u l-benessri tal-popolazzjoni lokali. Il-petizzjoni tagħhom tikkonċerna l-livelli għoljin ta' emissjonijiet ta' diossini minn impjant tal-azzar, li jpoġġu aktar minn 20,000 familja fir-riskju ta' mard kroniku. Il-Kummissarju Ewropew għall-Industrija u l-Intraprenditorija, Antonio Tajani, u l-President tal-Kumitat tal-PE għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, Amalia Sartori, kienu preżenti għad-diskussjoni dwar il-petizzjoni fix-xahar ta' Ottubru. Il-petizzjoni wasslet lill-Membri tal-PETI biex iressqu Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar industrija tal-azzar ġdida sostenibbli u kompetittiva lis-Seduta Plenarja.

L-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tal-barrieri ġeneralment ma jiġux milqugħa mill-abitanti fil-viċinanzi, li normalment ikunu mħassba mill-bidu dwar l-impatt ta' dan is-settur fuq l-ambjent. Barra minn hekk, il-PETI jinnotta li l-petizzjonijiet li jikkonċernaw din il-kwistjoni ta' sikwit jilmentaw dwar Valutazzjonijiet tal-Impatt Ambjentali li huma jqisu bħala mhux preċiżi u preġudikati, jekk jeżistu, u ta' spiss jindikaw ukoll nuqqas sistematiku li tiġi kkonsultata l-popolazzjoni lokali u li jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni. FI-2012, il-PETI ttratta diversi petizzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' barrieri, fost oħrajn, f' Angoulême, Franza, u f' Oencia, Spanja.

Petizzjoni oħra li ħolqot dibattitu sostantiv f' Novembru ttrattat fuq permess mogħti lil kumpanija tal-enerġija Franċiża għall-ħżin ta' 120,000 tunnellata ta' CO₂ f' Jurançon, Franza. Il-petizzjonanti wisew li s-sit deżinjat jinsab f' żona sismika u fil-qalba ta' reġjun tat-tkabbir tal-għeneb għall-inbid. Skont il-petizzjonanti, proġetti simili fil-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Istati Uniti ġew sospiżi bħala riżultat tar-riskji sinifikanti għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Il-membri tal-PETI insistew li l-Kummissjoni Ewropea tinvestiga ulterjorment dan il-każ.

Fis-settur tal-enerġija, l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tax-shale bituminuż u tal-gass tax-shale permezz tat-teknika ta' fratturazzjoni idrawlika, joħolqu tħassib kbir u ilmenti dwarha madwar l-Unjoni Ewropea. F'dawn l-aħħar snin ġew sottomessi petizzjonijiet minn ċittadini fi Franza, fir-Rumanija, fil-Polonja, fil-Bulgarija, fir-Renju Unit, fil-Ġermanja u Spanja. Il-petizzjonanti jemmnu li l-qafas legali kurrenti tal-UE li japplika għall-fratturazzjoni idrawlika mhux xieraq u fih nuqqasijiet u lakuni inkwetanti. L-aktar notevoli, il-petizzjonanti jindikaw ir-realtà li biċċiet kbar tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, bħad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, ma ġew emendati biex ikopru u jagħtu kont xieraq tal-impatti u r-riskji li toħloq din it-teknika ġdida. Barra minn hekk, il-petizzjonanti jsostnu li l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tax-shale bituminuż u tal-gass tax-shale jmorru kontra t-tranżizzjoni tal-enerġija lejn soċjetà dekarbonizzata, li huma jipperċepixxu bħala l-unika għażla għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-petizzjonanti talbu lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex iħeġġeġ moratorju imminenti dwar l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tax-shale bituminuż u tal-gass tax-shale, u mbagħad biex iħeġġeġ leġiżlazzjoni li tipprojbixxihom.

Minħabba fin-natura urġenti ta' dan is-suġġett u tal-ħafna ċittadini u Stati Membri involuti, il-PETI organizza Workshop dwar il-Gass tax-Shale fid-9 ta' Ottubru 2012, flimkien mad-Dipartiment Tematiku tal-EP għall-Politiki tad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali. Ir-rapporteurs mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, u mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija kienu preżenti, flimkien mal-

petizzjonanti, l-esperti fil-qasam, ir-rappreżentanti tas-settur, u l-uffiċjali tal-Istati Membri. Il-PETI pprova pjattaforma għall-parteċipanti kollha biex jkabblu, jikkontrastaw u jikkonfrontaw il-fehmiet tagħhom, u laqar r-rapport li segwa ppreparat mid-Dipartiment Tematiku.

Fl-aħħar għandu jiġi nnutat li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikkunsidra, fit-tieni nofs tas-sena, żewġ petizzjonijiet sottomessi minn ċittadini Irlandiżi li se jiġu segwiti minn Żjara għal Ġbir ta' Informazzjoni fl-2013. Waħda hija petizzjoni li ilha għaddejja, sottomessa fl-2006, li tirreferi għall-ħama tossika li akkumulat fl-Estwarju ta' Shannon bħala riżultat tal-operat ta' impjant tal-aluminju fil-viċinanzi. Il-petizzjonanti wisew li l-ħama qed tniġġeż b'mod gravi u irreparabbli l-ilma ta' taħt l-art u x-Xmara Shannon. Il-petizzjoni l-oħra tirreferi għal proġett ta' bini ta' densità għolja li se jinbena f'żona magħrufa għar-riskju ta' għargħar. Bħala riżultat ta' dan, ir-residenti lokali jibzġu li d-djar tagħhom ikunu mhedda mill-għargħar. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar id-dati taż-Żjara għal Ġbir ta' Informazzjoni fl-2013, il-membri tal-PETI ddeċidew li jitolbu lir-Rappreżentazzjoni permanenti tal-Irlanda u l-Kumitat ta' Oireachtas għall-Investigazzjonijiet, il-Monitoraġġ u l-Petizzjonijiet għal opinjoni dwar dawn il-kwistjonijiet.

o *Implimentazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-ilma*

Kmieni fis-sena, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikkontribwixxa għall-ħidma tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel b'Opinjoni dwar l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-ilma (Rapporteur: Nikolaos Chountis). L-Opinjoni tqis li l-ilma huwa riżorsa kondiviża tal-umanità u ġid pubbliku li għalhekk ma għandux ikun sors ta' qligħ. Barra minn hekk, il-membri tal-PETI jaqsmu l-fehma li l-ilma għandu jikkostitwixxi dritt fundamentali u universali, u li l-użu sostenibbli tal-ilma huwa hteġġa ambjentali u tas-saħħa li jilgħab rwol fundamentali fiċ-ċiklu tar-regolazzjoni tal-klima.

L-implimentazzjoni immedjata u korretta tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għalhekk hija tħassib kbir tal-Membri tal-PETI, b'mod partikolari għaliex iċ-ċittadini jibqgħu jipprovdu prova tal-firxa ta' implimentazzjoni u infurzar ineffettivi. Sa minn Jannar, bħala riżultat ta' petizzjoni mir-Renju Unit, il-PETI ddeċieda li jikkuntattja l-Eżekuttiv Skoċċiż u l-Kunsill Distrettwali konċernat biex jitlob għal kjarifika dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. F'Mejju, il-PETI sema' petizzjonanti minn Spanja jiddenunzjaw estrazzjoni allegatament mhux awtorizzata tal-ilma minn bjar illegali viċin Jaén, li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq sit ta' Natura 2000.

L-Opinjoni tal-PETI talbet, speċifikament, lill-Kummissjoni Ewropea biex tissospendi s-sussidji li jippreġudikaw l-inċentivi għal ġestjoni effiċjenti tal-ilma, u li minflok tillibera fondi għal sussidji mmirati – b'mod partikolari għal popolazzjonijiet foqra u rurali – li għandhom l-għan ta' aċċess affordabbli għal kulħadd. Simultanjament, il-PETI ħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-monitoraġġ u r-rapportaġġ tal-inkwinanti kimiċi fl-ilma, u talab lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan direzzjonali għal żieda fl-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u "Pjan ta' Azzjoni għas-salvagwardja tal-Ilmijiet tal-UE". L-istrateġiji għandhom ikunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-WFD, il-Politika tal-UE dwar l-Iskarsezza tal-Ilma u n-Nixfa, u l-politika ta' adattament tal-UE fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma.

Fl-aħħar nett, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iddeċieda li jwettaq Żjara għal Ġbir ta'

Informazzjoni fir-reġjun Spanjol ta' Galicia fl-2013, sabiex jinvestiga numru ta' petizzjonijiet li jiddenunzjaw livelli għoljin ta' tniġġiż tal-ilma f'diversi żoni kostali, b'mod partikolari f'ħafna estwarji b'livell għoli ta' bijodiversità, u inkluż sit tan-Natura 2000.

Iċ-ċittadini fis-Suq Intern

o Ċaqliq bejn il-fruntieri

Il-petizzjonanti juru li ċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea jkomplu jiffaċċjaw ostakli għall-eżerċitar tal-libertà ta' moviment tagħhom bħala individwi, ħaddiema u anki bħala fornituri u konsumaturi ta' oġġetti u servizzi. Il-petizzjonijiet sottomessi fl-2012 relatati mas-Suq Intern jammontaw għal 143, li jirrappreżenta madwar 7.2% tal-petizzjonijiet kollha. Dan jikkompara mat-8.2% kemm fl-2011 kemm fl-2010, u 7.4% fl-2009.

Għadd ta' petizzjonijiet marbutin mas-Suq Intern jirreferu b'mod speċifiku għal-libertà ta' moviment tal-persuni (37% tal-petizzjonijiet kollha dwar is-Suq Intern), il-libertà ta' moviment tal-oġġetti u s-servizzi (12%), jew ir-rikonoxximent tal-kwalifiki (22%). Bħala eżempju, il-membri tal-PETI kellhom petizzjoni minn Spanja li lmentat li d-diversi sistemi differenti tan-nollijiet tat-triq fl-UE joħolqu ostakli għal-libertà ta' moviment tal-persuni, l-oġġetti u s-servizzi. Il-Kummissjoni Ewropea informat lill-petizzjonanti u l-PETI li tissorvelja kontinwament din il-kwistjoni bil-għan li tippromwovi l-armonizzazzjoni tal-politiki dwar in-nollijiet tat-triq.

F'Marzu, Opinjoni tal-PETI għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, dwar 20 tħassib prinċipali taċ-ċittadini u n-negozji Ewropej dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku, enfasizzat li l-Istati Membri ripetutament jonqsu milli jittrasponu jew jimplementaw il-liġi tal-UE f'dan il-qasam, u ħeġġet lill-Kummissjoni tieħu azzjoni f'waqtha u xierqa meta dan iseħħ (Rapporteur: Simon Busuttil).

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva wkoll ilmenti dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ineffettiva transkonfinali. F'każ li nstema' f'Novembru, ċittadin Portugiż indika li ħadem għal 16-il sena għal kumpanija Olandiża fuq pjattaforma fil-Baħar tat-Tramuntana u li l-impjegaturi tiegħu naqqsu milli jirreġistraw mal-awtoritajiet tas-sigurtà soċjali, u b'hekk ċaħduh mid-drittijiet tiegħu. Il-Kummissjoni Ewropea osservat li dan il-każ kien il-bażi ta' proċedura ta' ksar u li sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea wasslet għal sanzjonijiet favur il-petizzjonant.

o Ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi

It-titjib u l-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi huma ta' importanza kbira għall-ħajjiet ta' kuljum taċ-ċittadini. Il-petizzjonijiet sottomessi fl-2012 relatati mas-Suq Intern jammontaw għal 101, li jirrappreżenta madwar 5.1% tal-petizzjonijiet kollha. Dan jikkompara mat-3.9% fl-2011, 5.1% fl-2010, u 5% fl-2009.

Iċ-ċittadini jistennew iċ-ċertezza fil-kwalità u s-sigurtà tal-prodotti u s-servizzi li jixtru fl-Unjoni Ewropea, iżda ħafna drabi jkun hemm sitwazzjonijiet ta' tikkettar qarrieqi, Prattiki ta' bejgħ diskriminatorji, sigurtà inferjuri, dewmien u informazzjoni ħażina fis-servizzi lill-konsumatur, u Prattiki ħżiena ċari fin-negozju. F'Lulju, pereżempju, il-membri tal-PETI ddiskutew grupp ta' ħames petizzjonijiet sottomessi minn ċittadini Taljani li jiddenunzjaw il-

fatt li l-primjums tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà tal-vetturi huma ferm ogħla f'ċertu reġjuni tal-Italja minn oħrajn. Il-membri tal-PETI jinkwetaw li din il-prattika hija diskriminatorja u tikkostitwixxi ksur tal-ħarsien tal-konsumaturi, u għalhekk jibqgħu jiddjalogaw mal-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea, biex jinvestigaw iżjed is-sustanza tal-petizzjonijiet.

Barra minn hekk, il-petizzjonijiet sottomessi jagħtu evidenza li t-tiżiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali u tal-armonizzazzjoni huwa ta' benefiċċju kbir għall-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumaturi. F'Novembri, il-PETI laqa' suġġerimenti minn petizzjonant li l-menta dwar il-mod li t-trasportaturi tal-ajru jittrattaw il-bagalji mitlufa u l-fatt li qed jintilfu dejjem iżjed bagalji fl-ajruporti tal-UE. Il-kwistjonijiet relatati mal-bagalji wasslu għal Konsultazzjoni Pubblika dwar reviżjoni possibbli tar-Regolament tal-UE dwar il-kwistjoni. Il-membri tal-PETI għalhekk ħeġġew lill-Kummissjoni tibqa' tippromwovi l-għarfien tal-passiġġieri dwar ir-regoli applikabbli, u tissorvelja l-azzjonijiet tal-Istati Membri sabiex tiżgura li tali regoli jiġu applikati.

Il-benessri tal-annimali fl-Unjoni Ewropea

Fl-2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni sinifikanti lill-benessri tal-annimali. Kmieni fis-sena, il-PETI kkontribwixxa għall-ħidma tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali b'Opinjoni għar-Rapport dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012-2015 (Rapporteur: Victor Boştinaru).

L-Opinjoni ġibdet l-attenzjoni lejn in-numru dejjem ikbar ta' petizzjonijiet minn ċittadini Ewropej tal-Istati Membri kollha li talbu biex ir-regolamenti dwar il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali jiġu msaħħa sabiex jimtlew il-lakuni eżistenti. Il-PETI mhux biss irrefera għall-ispettakli kontinwi li jikkawżaw stress jew korrimenti, u/jew qtil tal-annimali, bħall-ġlied tal-barrin, iżda wkoll għan-numru kbir ta' klieb u qtates maħrubin, li evidentement mhumieħ koperti mil-Liġi Qafas Ewropea dwar il-Benessri tal-Annimali.

F'Ġunju, b'kunsiderazzjoni tan-numru kbir tal-petizzjonijiet minn ċittadini tal-UE li talbu għall-istabbiliment ta' qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tal-annimali domestiċi u l-annimali maħrubin, il-PETI ssottomettiet mozzjoni għal riżoluzzjoni lis-seduta plenarja dwar l-istabbiliment ta' qafas legali tal-UE għall-ħarsien tal-annimali domestiċi u maħrubin, li ġiet adottata mill-Parlament f'Lulju. Ir-riżoluzzjoni titlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jirrattifikaw il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali Domestiċi, u lill-Kummissjoni biex tippromovi qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tal-annimali domestiċi u maħrubin.

Eqreb taċ-ċittadini

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ma setax jenfasizza aktar il-ħtieġa li tiżdied il-viżibbiltà tal-proċess tal-petizzjonijiet fost iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Permezz tal-ħidma tagħhom, il-Membri tal-PETI mhux biss jikkunsidraw is-suġġett tal-petizzjonijiet iżda jikkontribwixxu wkoll biex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet li jgawdu iċ-ċittadini u r-residenti tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, ta' min wieħed jinnota li, skont il-Flash Eurobarometer Nru 365 dwar "Iċ-Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea", fl-2012 ftit iktar minn terz taċ-ċittadini (36 %) ikkunsidraw li kienu infurmati sew dwar id-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-Ewrobarometru żvela li kważi disgħa minn kull għaxar ċittadini (89 %) kienu konxji mid-dritt

li wieħed iressaq ilment lill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew.

Bl-għan li tizzied il-viżibbiltà, fl-2012, il-PETI kompli jikkorrispondi b' mod attiv maċ-ċittadini u l-petizzjonanti permezz ta' mezzi parteċipattivi differenti, fejn iffoka l-isforzi fuq diversi aspetti prinċipali:

o *Ilqugħ tal-petizzjonanti fil-laqgħat tal-Kumitat*

Fl-2012, bħalma ġara fit-tliet snin ta' qabel, il-petizzjonanti kienu preżenti għal kull laqgħa mensili tal-Kumitat. L-attenzenza tal-petizzjonanti fil-laqgħat tal-Kumitat mhijiex meħtieġa, iżda żgur li din iżżid id-dinamiżmu mad-diskussjoni. Il-preżenza tal-awtoritajiet pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll ta' partijiet interessati oħra, hija milqughja bl-istess mod. Huwa notevoli li l-PETI huwa l-uniku Kumitat li sistematikament jipprova pjattaforma għaċ-ċittadini biex jesprimu t-tħassib tagħhom direttament lill-Membri tal-Parlament Ewropew u li jippermetti djalogu fost ħafna partijiet bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali u l-petizzjonanti, fi spazju ta' trasparenza totali.

o *Organizzar ta' Żjarat għal Għbir ta' Informazzjoni*

Id-delegazzjonijiet tal-Membri tal-PETI għaż-żoni kkonċernati mill-petizzjonijiet isiru madwar darba sa erba' darbiet fis-sena u huma komponent kritiku tal-ħidma tal-Kumitat. Id-deċiżjoni li tintbagħat delegazzjoni tipikament ikun rispons għall-ħtieġa li tinġabar informazzjoni dwar il-petizzjonijiet li jkunu ġew diskussi fil-laqgħat tal-Kumitat. Iż-żjarat imbagħad jeħtieġu ħafna ġimgħat ta' preparazzjoni, sabiex jiġi żgurat li l-membri u l-persunal tal-PETI jkunu jistgħu jżuru s-siti affettwati u jiltaqgħu mal-petizzjonanti, l-awtoritajiet nazzjonali, u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili. Iż-żjarat huma qosra u intensi, u huma segwiti minn diskussjonijiet ulterjuri fil-laqgħat tal-Kumitat u minn dokument ta' ħidma li jippreżenta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Fl-2012, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet bagħat delegazzjoni ta' jumejn lir-reġjuni tal-Campania u l-Lazio, fl-Italja, sabiex tinvestiga kwistjonijiet tal-ġestjoni tal-iskart (ara t-taqsimha speċifika dwar petizzjonijiet dwar l-Ambjent-Skart).

Għall-2013, il-PETI ddeċieda li jibgħat delegazzjonijiet f'Galicia, Spanja, fejn se żżur numru ta' Rías u tikkunsidra kwistjonijiet relatati mat-tniġġiż tal-ilma; Madrid, Spanja, għal djalogu ulterjuri mal-awtoritajiet Spanjoli dwar il-Liġi Kostali; il-Greċja, fejn se tistudja l-petizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-iskart; il-Polonja, żjara posposta mill-2012 biex tikkunsidra numru ta' proġetti għal minjieri miftuħa fis-Silesia t'Isfel; u fl-aħħar fl-Irlanda, fejn il-PETI se jħares ukoll lejn kwistjonijiet ta' tniġġiż tal-ilma madwar Cork u Kilkenny, fuq stedina tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta' Oireachtas.

o *Titjib tal-aċċess elettroniku għall-informazzjoni*

Il-websajt tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fiha ammont kbir ta' informazzjoni dwar id-dritt tal-petizzjoni u l-proċess ta' ammissibilità u kunsiderazzjoni. Din tippermetti wkoll liċ-ċittadini jissottomettu petizzjonijiet permezz tal-websajt billi jimlew formola qasira u sempliċi. Fl-2012, 70% tal-petizzjonijiet ġew sottomessi onlajn filwaqt li l-bqija waslu bil-

posta. Dan jirrappreżenta żieda minn 58% fl-2011 u minn 63% kemm fl-2010 u kemm fl-2009.

Sabiex itejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-proċess tal-petitizzjonijiet, il-PETI jkompli jaħdem fuq id-disinn u t-tnedija ta' portal tal-internet ġdid. Din il-websajt ġdida se tipprovdi informazzjoni ġdida u, aktar importanti, se jkollha karatteristiċi ġodda bħal informazzjoni dwar petizzjonijiet eżistenti u l-possibbiltà li wieħed iżid firem magħhom. Il-valur għaċ-ċittadini mhux biss se jkun wieħed parteċipattiv, iżda anki edukattiv, għaliex il-portal tal-internet se jipprovdi stampa trasparenti tal-kwistjonijiet li jikkonċernaw liċ-ċittadini u l-ħidma li l-PETI jagħmel biex jindirizzahom.

o *Il-pubblikazzjoni tal-PETI Journal u r-Rapport Annwali*

Seba' edizzjonijiet tal-fuljett PETI Journal ġew ippublikati u distribwiti lil madwar 1,500 persuna. Il-PETI Journal hu ċċirkulat matul il-laqgħat tal-Kumitat u avvenimenti oħra, jibqa' disponibbli fuq il-websajt tal-Kumitat, u huwa wkoll rilaxxat permezz tal-midja soċjali bħalma hu l-Facebook. Madwar nofs ir-riċevituri huma membri jew persunal tal-Parlament Ewropew, filwaqt li l-bqija huma persunal ta' istituzzjonijiet oħra tal-UE, petizzjonanti u partijiet interessati oħrajn tal-pubbliku ġenerali.

Ir-Rapport Annwali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-2011 kien l-ewwel wieħed li ġie ppubblikat f' format favur il-qarrej għad-distribuzzjoni fost il-pubbliku iġenerali. Wasal għand aktar minn 18,000 ċittadin, li hi ċifra sinifikanti. Il-Kumitat jittama li dan ir-Rapport Annwali tal-2012 jasal u jinteressa għadd kulma jmur akbar ta' ċittadini.

o *Introduzzjoni tal-interattività*

Ix-xandir fuq l-internet tal-laqgħat tal-Kumitat huwa importanti ferm għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Numru kbir ta' petizzjonijiet huma ffirmati minn ħafna petizzjonanti li ħafna drabi ma jistgħux jivvjaġġaw lejn Brussell biex ikunu preżenti għal-laqgħat. Għalhekk, ix-xandir fuq l-internet jippermetti lil numru kbir ta' ċittadini li jsegwu d-diskussjoni direttament fuq l-internet. Il-PETI se jissokta bil-promozzjoni tal-kuxjenza mill-web-streaming tal-laqgħat u l-avvenimenti tiegħu, u tal-attenzenza għall-istess, bħala mezz ta' twassil għand l-akbar għadd possibbli ta' partijiet interessati.

Sabiex iżid il-viżibbiltà u l-interattività, il-PETI jxerred u jirreaġixxi wkoll għal informazzjoni permezz tal-midja soċjali bħal Facebook u Twitter. Il-messaġġi mtellgħin huma segwiti, immarkati jekk jintgħoġbu, imxandra, u kkomentati minn udjenza ta' kważi 2,500 persuna, li jikkonsistu l-aktar minn membri tal-pubbliku ġenerali, u jaslu globalment għand aktar minn 1.5 miljun ruħ.

Fl-aħħar nett, il-PETI jagħmel l-aħjar li jista' biex ikollu preżenza fil-Jum għall-Pubbliku annwali. Nhar is-Sibt 12 ta' Mejju 2012, il-membri u l-persunal tas-Segretarjat laqgħu mijiet ta' viżitaturi li ġew fuq il-bank tal-informazzjoni tad-DĠ IPOL biex jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropew u dwar id-dritt għall-petizzjoni.

o *Il-ħidma mal-Uffiċċji tal-Infurmazzjoni tal-PE fl-Istati Membri*

Ir-rwol tal-Uffiċċji tal-Infurmazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri huwa kruċjali

bħala sorsi deċentralizzati ta' aċċess għas-servizzi kollha tal-Parlament għas-soċjetà ċivili u l-korpi uffċjali. B'mod partikolari matul iż-Żjarat għal Ġbir ta' Informazzjoni, il-PETI jikkoordina mal-Uffċċji tal-Infommazzjoni rilevanti sabiex ixxerred l-infommazzjoni liċ-ċittadini u jstabilixxi konferenzi mal-istampa. Kuntrarju għal dan, iċ-ċittadini kultant jissottomettu petizzjonijiet permezz tal-Uffċċju tal-Infommazzjoni tal-PE nazzjonali tagħhom, li jibgħat is-sottomissjonijiet lill-PETI.

ANNEX TAL-ISTATISTIKA

Sommarju tat-Tabelli

Tabella 1 Reġistrazzjoni u Adozzjoni tal-Petizzjonijiet

Tabella 2 Petizzjonijiet skont il-Format tas-Sottomissjoni

Tabella 3 Petizzjonijiet skont it-Tema

Tabella 3.a. Temi Prinċipali fl-2012

Table 3.b. Temi Oħrajn fl-2012

Tabella 4 Petizzjonijiet skont il-Pajjiż Ikkonċernat

Tabella 5 Petizzjonijiet skont in-Nazzjonalità tal-Petizzjonant

Tabella 6 Petizzjonijiet skont il-Lingwa tas-Sottomissjoni

Tabella 7 Petizzjonijiet skont is-Sena ta' Reġistrazzjoni u l-Istat Kurrenti

Tabella 8 Attendanza tal-Pubbliku għal-Laqgħat tal-Kumitat u Rimborżi

**Tabella 1 Reġistrazzjoni u Adozzjoni tal-Petizzjonijiet (2009 - 2012), bil-partijiet taċ-
ċifri totali**

	2009		2010		2011		2012	
SOTTOMISSJONIJIET TOTALI	1924	-	1746	-	2091	-	2322	-
<i>li minnhom ma ġewx irreġistrati*</i>	0	0,0%	91	5,2%	677	32,4%	337	14,5%
<i>li minnhom ġew irreġistrati bħala petizzjonijiet</i>	1924	100,0%	1655	94,8%	1414	67,6%	1986	85,5%
TOTAL TA' PETIZZJONIJIET REĠISTRAT	1924	-	1655	-	1414	-	1986	-
DIKJARATI INAMMISSIBBLI	816	42,4%	667	40,3%	416	29,4%	580	29,2%
DIKJARATI AMMISSIBBLI	1108	57,6%	988	59,7%	998	70,6%	1406	70,8%
TOTAL DIKJARATI AMMISSIBBLI	1108	-	988	-	998	-	1408	-
<i>li minnhom intemmu bi tweġiba diretta</i>	424	38,3%	405	41,0%	315	31,6%	510	36,2%
<i>referuti quddiem il-KE għal opinjoni</i>	710	64,1%	607	61,4%	649	65,0%	853	60,7%
<i>referuti quddiem ħaddieħor għal opinjoni</i>	29	2,6%	26	2,6%	26	2,6%	59	4,2%
<i>referuti quddiem ħaddieħor għal informazzjoni</i>	211	19,0%	184	18,6%	162	16,2%	297	22,2%

**Sottomissjonijiet li ma jikkorrespondux mal-Artikolu 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ex Artikolu 194 TKE) ma jiġux reġistrati bħala petizzjonijiet.*

**Tabella 2 Petizzjonijiet skont il-Format tas-Sottomissjoni (2009 - 2012), bil-partijiet taċ-
ċifri totali**

Format tas-Sottomissjoni	2009		2010		2011		2012	
Elettroniċi	1204	63%	1046	63%	815	58%	1387	70%
Karta	720	37%	609	37%	599	42%	599	30%
TOTAL REĠISTRAT	1924	-	1655	-	1414	-	1986	-

Tabella 3 Petizzjonijiet skont it-Tema (2009 - 2012), bil-partijiet taċ-ċifri totali

Tabella 3.a. Temi Prinċipali fl-2012

Tema (imqassmin skont il-parti fl-2012)	2009		2010		2011		2012	
Id-drittijiet fundamentali	430	22,3%	338	20,4%	297	21,0%	500	25,1%
Diżabbiltà	0	0,0%	0	0,0%	1	0,1%	10	0,5%
il-Ġustizzja elettronika	159	8,3%	125	7,6%	131	9,3%	242	12,2%
Proprietà	106	5,5%	61	3,7%	51	3,6%	47	2,4%
Ambjent	229	11,9%	246	14,9%	260	18,4%	279	14,1%
Valutazzjonijiet tal-Impatt	40	2,1%	43	2,6%	26	1,8%	23	1,2%
Tniġġis	53	2,8%	48	2,9%	49	3,5%	57	2,9%
Protezzjoni u Preservazzjoni	48	2,5%	62	3,7%	38	2,7%	31	1,6%
L-iskart	18	0,9%	25	1,5%	25	1,8%	37	1,9%
L-ilma	11	0,6%	14	0,8%	19	1,3%	24	1,2%
Is-Suq Intern	142	7,4%	135	8,2%	116	8,2%	143	7,2%
Il-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi	17	0,9%	22	1,3%	19	1,3%	17	0,9%
Il-Moviment liberu tal-persuni	71	3,7%	52	3,1%	33	2,3%	53	2,7%
Rikonoxximent tal-kwalifiki	20	1,0%	23	1,4%	24	1,7%	31	1,6%
Is-Sahha	104	5,4%	83	5,0%	74	5,2%	110	5,5%
Id-Drittijiet tal-Konsumatur	96	5,0%	84	5,1%	55	3,9%	101	5,1%
Trattament Xieraq tal-Bhejjem	37	1,9%	34	2,1%	36	2,5%	60	3,0%
TOTAL REĠISTRAT	1924	-	1655	-	1414	-	1986	-

Tabella 3 Petizzjonijiet skont it-Tema (2009 - 2012), bil-partijiet taċ-ċifri totali (tkomplija)

Table 3.b. Temi Oħrajn fl-2012

Tema (imqassmin alfabetikament)	2009		2010		2011		2012	
Agrikoltura	22	1,1%	21	1,3%	21	1,5%	31	1,6%
Asil	6	0,3%	12	0,7%	6	0,4%	12	0,6%
Kompetizzjoni	25	1,3%	20	1,2%	14	1,0%	27	1,4%
Affarijiet Kostituzzjonali	26	1,4%	27	1,6%	26	1,8%	63	3,2%
Kultura u Patrimonju	35	1,8%	26	1,6%	21	1,5%	25	1,3%
Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji	27	1,4%	26	1,6%	53	3,7%	75	3,8%
Edukazzjoni	47	2,4%	46	2,8%	53	3,7%	48	2,4%
Impjegi	105	5,5%	62	3,7%	45	3,2%	74	3,7%
Enerġija	30	1,6%	24	1,5%	43	3,0%	48	2,4%
Tkabbir	5	0,3%	1	0,1%	1	0,1%	0	0,0%
Opportunitajiet Indaqg u Ġeneru	14	0,7%	12	0,7%	6	0,4%	6	0,3%
Relazzjonijiet Esterni	38	2,0%	18	1,1%	16	1,1%	26	1,3%
Is-Servizzi Finanzjarji	26	1,4%	19	1,1%	24	1,7%	45	2,3%
Sajd u Affarijiet Marittimi	11	0,6%	5	0,3%	9	0,6%	6	0,3%
Sigurtà tal-Ikel	3	0,2%	9	0,5%	7	0,5%	12	0,6%
Frodi u Korruzzjoni	22	1,1%	32	1,9%	25	1,8%	66	3,3%
Immigrazzjoni	38	2,0%	37	2,2%	45	3,2%	33	1,7%
Industrija u Impriża	45	2,3%	33	2,0%	21	1,5%	48	2,4%
Soċjetà Informatika u Mezzi tax-Xandir	33	1,7%	26	1,6%	27	1,9%	27	1,4%
L-Istituzzjonijiet	36	1,9%	30	1,8%	17	1,2%	64	3,2%
Pensjonijiet	51	2,7%	68	4,1%	30	2,1%	51	2,6%
Kwistjoni Personali	216	11,2%	191	11,5%	97	6,9%	150	7,6%
Politika reġjonali	13	0,7%	10	0,6%	8	0,6%	7	0,4%
Riċerka u Innovazzjoni	9	0,5%	3	0,2%	1	0,1%	6	0,3%
Restituzzjoni	27	1,4%	9	0,5%	1	0,1%	3	0,2%
Sigurtà	10	0,5%	8	0,5%	10	0,7%	21	1,1%
Affarijiet soċjali	93	4,8%	77	4,7%	78	5,5%	89	4,5%
Tassazzjoni	61	3,2%	63	3,8%	48	3,4%	67	3,4%
Kummerċ	9	0,5%	8	0,5%	6	0,4%	18	0,9%
Trasport	101	5,2%	101	6,1%	69	4,9%	91	4,6%
Żvilupp urban	77	4,0%	35	2,1%	28	2,0%	11	0,6%
Drittijiet tal-Vot u Elezzjonijiet	23	1,2%	4	0,2%	7	0,5%	8	0,4%
TOTAL REĠISTRAT	1924	-	1655	-	1414	-	1986	-

Tabella 4 Petizzjonijiet skont il-Pajjiż Ikkonċernat (2009 - 2012), bil-partijiet taċ-ċifri totali

Stat Membru (<i>imqassmin alfabetikament</i>)	2009		2010		2011		2012	
Awstrija	34	1,8%	36	2,2%	18	1,3%	19	1,0%
Belġju	30	1,6%	28	1,7%	12	0,8%	21	1,1%
Bulgarija	56	2,9%	36	2,2%	52	3,7%	55	2,8%
Ċipru	13	0,7%	18	1,1%	10	0,7%	14	0,7%
Repubblika Ċeka	13	0,7%	15	0,9%	15	1,1%	18	0,9%
Danimarka	14	0,7%	25	1,5%	14	1,0%	21	1,1%
Estonja	4	0,2%	7	0,4%	3	0,2%	4	0,2%
"Unjoni Ewropea"	404	21,0%	285	17,2%	311	22,0%	542	27,3%
Finlandja	20	1,0%	26	1,6%	11	0,8%	18	0,9%
Franza	73	3,8%	62	3,7%	64	4,5%	77	3,9%
Ġermanja	299	15,5%	273	16,5%	183	12,9%	249	12,5%
Greċja	74	3,8%	71	4,3%	48	3,4%	79	4,0%
Ungerija	25	1,3%	36	2,2%	23	1,6%	62	3,1%
Irlanda	37	1,9%	27	1,6%	22	1,6%	28	1,4%
Italja	177	9,2%	183	11,1%	138	9,8%	170	8,6%
Latvja	11	0,6%	7	0,4%	3	0,2%	8	0,4%
Litwanja	14	0,7%	7	0,4%	8	0,6%	19	1,0%
Lussemburgu	4	0,2%	3	0,2%	4	0,3%	7	0,4%
Malta	9	0,5%	13	0,8%	9	0,6%	21	1,1%
Pajjiżi Baxxi	35	1,8%	12	0,7%	20	1,4%	25	1,3%
Polonja	100	5,2%	66	4,0%	104	7,4%	80	4,0%
Portugall	37	1,9%	26	1,6%	30	2,1%	31	1,6%
Rumanija	143	7,4%	102	6,2%	106	7,5%	146	7,4%
Slovakkja	19	1,0%	7	0,4%	8	0,6%	18	0,9%
Slovenja	12	0,6%	6	0,4%	7	0,5%	6	0,3%
Spanja	279	14,5%	288	17,4%	216	15,3%	298	15,0%
L-Isvezja	17	0,9%	16	1,0%	13	0,9%	17	0,9%
Renju Unit	83	4,3%	66	4,0%	60	4,2%	73	3,7%
Aggregat tal-Istati li mhumiex membri tal-UE	95	4,9%	84	5,1%	74	5,2%	70	3,5%
TOTAL REĠISTRAT*	1924	-	1655	-	1414		1986	-

*Innota li t-Total Reġistrat ma huwiex is-somma tal-petizzjonijiet skont il-pajjiż ikkonċernat.

Tabella 5 Petizzjonijiet skont in-Nazzjonalità tal-Petizzjonant (2009 - 2012), bil-partijiet taċ-ċifri totali

Stat Membru (<i>imqassmin alfabetikament</i>)	2009		2010		2011		2012	
Awstrija	38	2,0%	25	1,5%	24	1,7%	29	1,5%
Belġju	27	1,4%	29	1,8%	22	1,6%	33	1,7%
Bulgarija	54	2,8%	40	2,4%	49	3,5%	57	2,9%
Ċipru	8	0,4%	8	0,5%	4	0,3%	7	0,4%
Repubblika Ċeka	6	0,3%	9	0,5%	10	0,7%	14	0,7%
Danimarka	13	0,7%	17	1,0%	11	0,8%	11	0,6%
Estonja	3	0,2%	2	0,1%	3	0,2%	2	0,1%
Finlandja	26	1,4%	25	1,5%	12	0,8%	15	0,8%
Franza	79	4,1%	78	4,7%	78	5,5%	92	4,6%
Ġermanja	496	25,8%	409	24,7%	315	22,3%	475	23,9%
Greċja	78	4,1%	69	4,2%	49	3,5%	74	3,7%
Ungerija	17	0,9%	31	1,9%	26	1,8%	62	3,1%
Irlanda	31	1,6%	27	1,6%	16	1,1%	34	1,7%
Italja	219	11,4%	215	13,0%	166	11,7%	241	12,1%
Latvja	11	0,6%	8	0,5%	3	0,2%	8	0,4%
Litwanja	8	0,4%	12	0,7%	6	0,4%	21	1,1%
Lussemburgu	2	0,1%	0	0,0%	4	0,3%	7	0,4%
Malta	11	0,6%	11	0,7%	6	0,4%	7	0,4%
Pajjiżi Baxxi	44	2,3%	18	1,1%	23	1,6%	31	1,6%
Polonja	129	6,7%	94	5,7%	125	8,8%	99	5,0%
Portugall	32	1,7%	25	1,5%	24	1,7%	33	1,7%
Rumanija	152	7,9%	101	6,1%	102	7,2%	140	7,1%
Slovakkja	14	0,7%	4	0,2%	7	0,5%	11	0,6%
Slovenja	10	0,5%	4	0,2%	7	0,5%	7	0,4%
Spanja	237	12,3%	261	15,8%	204	14,4%	311	15,7%
L-Isvezja	13	0,7%	11	0,7%	12	0,8%	17	0,9%
Renju Unit	122	6,3%	91	5,5%	80	5,7%	105	5,3%
Aggregat tal-Istati li mhumiex membri tal-UE	44	2,3%	31	1,9%	26	1,8%	43	2,2%
TOTAL REĠISTRAT	1924	-	1655	-	1414	-	1986	-

**Innota li hi n-nazzjonalità tal-petizzjonant 'ewlieni'.*

Tabella 6 Petizzjonijiet skont il-Lingwa tas-Sottomissjoni (2009 - 2012), bil-partijiet ta' ċifri totali

Stat Membru (imqassmin skont il-parti fl-2012)	2009		2010		2011		2012	
Ġermanja	548	28,5%	430	26,0%	348	24,6%	498	25,1%
Ingliż	343	17,8%	295	17,8%	263	18,6%	360	18,1%
Spanjol	237	12,3%	260	15,7%	200	14,1%	303	15,3%
Taljan	203	10,6%	199	12,0%	145	10,3%	224	11,2%
Franċiż	107	5,6%	100	6,0%	91	6,4%	123	6,2%
Rumen	110	5,7%	72	4,4%	74	5,2%	105	5,3%
Pollakk	116	6,0%	86	5,2%	112	7,9%	86	4,3%
lingwa Griega	61	3,2%	58	3,5%	41	2,9%	68	3,4%
Ungeriż	16	0,8%	23	1,4%	16	1,1%	53	2,7%
Bulgaru	37	1,9%	25	1,5%	38	2,7%	37	1,9%
lingwa Olandiża	46	2,4%	23	1,4%	22	1,6%	28	1,4%
Portugiż	27	1,4%	19	1,1%	17	1,2%	28	1,4%
Litwan	7	0,4%	5	0,3%	2	0,1%	15	0,8%
Finlandiż	19	1,0%	21	1,3%	6	0,4%	11	0,6%
bis-Slovakk	11	0,6%	4	0,2%	6	0,4%	10	0,5%
Svediż	8	0,4%	5	0,3%	10	0,7%	10	0,5%
Ċek	4	0,2%	5	0,3%	1	0,1%	7	0,4%
Latvjan	7	0,4%	6	0,4%	1	0,1%	5	0,3%
Daniż	9	0,5%	13	0,8%	8	0,6%	4	0,2%
Sloven	4	0,2%	3	0,2%	7	0,5%	4	0,2%
Katalan	0	0,0%	1	0,1%	0	0,0%	4	0,2%
Estonjan	1	0,1%	1	0,1%	2	0,1%	2	0,1%
test b'taħlita ta' lingwi	1	0,1%	1	0,1%	3	0,2%	1	0,1%
Malti	2	0,1%	1	0,1%	1	0,1%	0	0,0%
TOTAL REĠISTRAT	1924	-	1655	-	1414	-	1986	-

Tabella 7 Petizzjonijiet skont is-Sena ta' Reġistrazzjoni (1997 - 2012) u l-Istat Kurrenti, bil-partijiet taċ-ċifri totali

Sena ta' Reġistrazzjoni	Total Reġistrat	Miftuħa		Magħluqa	
2012	1986	894	45,0%	1092	55,0%
2011	1414	299	21,1%	1115	78,9%
2010	1655	176	13,5%	1480	86,5%
2009	1924	141	9,3%	1783	90,7%
2008	1886	109	7,5%	1777	92,5%
2007	1506	102	8,0%	1506	92,0%
2006	1021	44	4,4%	977	95,6%
2005	1016	28	2,8%	988	97,0%
2004	2002	15	1,6%	987	98,4%
2003	1315	6	0,5%	1309	99,5%
2002	1601	4	0,3%	1597	99,7%
2001	1132	0	0,0%	1132	100,0%
2000	908	1	0,1%	907	99,9%
1999	934	1	0,1%	933	99,9%
1998	1127	2	0,2%	1125	99,8%
1997	1306	1	0,1%	1305	99,9%

** fl-01.07.2013*

Tabella 8 Attendanza tal-Pubbliku għal-Laqgħat tal-Kumitat u Rimborżi (2009 - 2012)

	2009	2010	2011	2012
It-total ta' kulmin attenda	245	243	242	234
li minnhom kienu petizzjonanti ewlenin	86	89	148	62
Petizzjonanti rimborżati	24	12	10	22
Kost tar-rimborżi	€10.665	€5.710	€6.513	€13.447

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Margrete Auken, Heinz K. Becker, Victor Boştinaru, Philippe Boulland, Michael Cashman, Giles Chichester, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Miguel Angel Martínez Martínez, Erminia Mazzoni, Edward McMillan-Scott, Roberta Metsola, Jaroslav Paška, Nicole Sinclair, Jarosław Leszek Wałęsa, Angelika Werthmann, Rainer Wieland, Tatjana Ždanoka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Birgit Collin-Langen, Vicente Miguel Garcés Ramón, Norica Nicolai, Ioannis A. Tsoukalas